# Mis-Sillabu

RIVISTA GĦALL-ISTUDENTI TAL-MATRIKOLA

Volum 1 Numru 7

IL-POEŻIJA TA' ĠORĠ PISANI
U ĠORĠ ZAMMIT
KRITIKA LETTERARJA
GĦAL-LIVELL ORDINARJU
IS-SEMANTIKA
JOE FRIGGIERI DWAR IL-POEŻIJI
TA' WARA "TABERNAKLI"
PJANIJIET GĦALL-
KOMPONIMENT ĠENERALI

KORS FL-GĦARBI
SAL-LIVELL ORDINARJU

peg Publications

PUBBLIKAZZJONI TAL-PUBLISHERS ENTERPRISES GROUP (PEG) LTD.

25ċ

# Mis-Sillabu

**Maħruġ l-ewwel darba f'Settembru, 1984**

**Volum 1 Numru 7**

Pubblikat mill-Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd,
Triq Herbert Ganado,
Il-Ħamrun, Malta.

© 1985 P.E.G. Ltd.
© Dritt Letterarju tal-kittieba

Il jeddijiet kollha miżmuma. L-ebda silta ma tista' tkun ippubblikata jew maħruġa b'xi mod jew ieħor fotostatiku, elettroniku, mekkaniku, irrekordjat mingħajr il-permess bil-miktub tal-Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd.

Phototypeset mill-Comprint Ltd, Il-Ħamrun
Mitbugħ mill-Imprint Ltd, Ħal Qormi

## Bord Editorjali

Ġorġ Mifsud (*Editur*)
Mario Azzopardi (*Sub-Editur*)

*Konsulenti* J.M. Brincat
Geth Massud
Paul Xuereb

## Il-Kittieba

Mario Azzopardi
Ġużè Cassar Pullicino
Ġużè Diacono
George Doublesin
Joe Friggieri
Ġorġ Mifsud
Joe Vella
Tarċisju Zarb
Alfred Zerafa

**X'FIH**

**Kitba mhix Magħrufa ta' M.A. Vassalli (2)**
*Ġużè Cassar Pullicino* 121
**Ir-Rumanz "San Ġwann" (3)** *Ġużè Diacono* 122
**Xi Aspetti ta' Poeżija Tradizzjonali: "Għal Dun Mikiel Xerri"** *Tarċisju Zarb* 123
**Semantika (6): Żvilupp fis-Sens: Trasferiment Metonimiku** *George Doublesin* 124
**Teatru ta' Mirja Soċjali** *Mario Azzopardi* 125
**"Monokordi" – Poeżiji Ġodda ta' Mario Azzopardi** *Joe Friggieri* 127
**Daħla għall-poeżija ta' Ġ. Pisani u Ġ. Zammit**
*Tarċisju Zarb* 130
**Tliet Pjanijiet għal Komponiment**
*Ġorġ Mifsud* 131
**L-Ortografija u l-Alfabett ta' l-"Għaqda" ta' l-1921** *Ġużè Diacono* 132
**Pass Pass lejn il-Livell Ordinarju (2)**
*Alfred Zerafa* 134
خطوةً خطوةً إلى المستوى العادي (٢) بقلم الفريد زرافا

**L-Aħħar Żjidiet fil-Grammatika Maltija**
*Ġorġ Mifsud* Kopertina
**Mill-Kontribut tal-Qarrejja: It-Tolleranza u r-Rispett bejn iċ-Ċittadini** *Joe Vella* Fuq Wara

## *L-EDITORJAL*

Ħafna huma l-qarrejja li qed jistaqsuna fuq in-numri ta' din ir-rivista. Ngħidulhom li sa l-eżami ta' Mejju se naslu san-numru 10 u b'hekk infornukom bl-aqwa materjal li għandna f'idejna fuq il-kotba li għandkom għall-eżami tal-Malti u ta' l-Għarbi.

Inwegħdukom ukoll li kull volum se jkun fih għaxar numri u għal kull volum se jkun hemm werrej analitiku bħala referenza sew għall-istudent, kemm għall-għalliema li nafu kemm-il darba jkollhom bżonn jirreferu għal bosta rqaqat u affarijiet oħra fit-thejjijiet tagħhom għall-klassi, kif ukoll għall-istudjużi u d-dilettanti tal-Malti biex ikollhom f'idejhom pubblikazzjoni xjentifika u kompluta minn kollox.

L-inkuraġġiment tagħkom huwa kbir ħafna, bil-wisq akbar milli ppretendejna li sa nsibu. Dan jagħmlilna l-qalb biex nissoktaw fit-triq li qbadna mingħajr ma niddejqu minn min jieħu gost jagħmel il-ħsara. L-Ilsien u l-Letteratura Maltija ma jistgħux igħixu aktar bin-nies li jridu jfarrku l-ġid.

Kull min ma jirrispettax u jqim lill-kittieb Malti *mhux veru* li jkun qed igħin lill-Malti.

Anzi min-naħa tagħna qed ngħinu lill-kittieba kollha sew dawk stabbiliti kif ukoll dawk li m'humiex f'kull ħaġa li tiddependi minna. Għall-kittieba l-ġodda daħħalna taqsima fil-qoxra ta' wara tar-rivista tagħna għall-kitbiet tagħhom biex ikunu jistgħu juru l-kreattività tagħhom u fl-istess ħin ma nitbegħdux mill-iskop ewlieni tagħna li nagħtu materjal immedjat għall-eżami.

Għall-istess skop ħadna gost u nkuraġġejna erba' attivitajiet kulturali u letterarji li seħħu dan l-aħħar, l-ewwel l-oratorju *Pawlu ta' Malta* ta' Oliver Friggieri u Charles Camilleri, it-tieni l-"Kors ta' Taħdidiet għall-Matrikola Avvanzata fil-Malti" organizzat mill-*Fondazzjoni Ġużè Ellul Mercer* u li beda fit-18 ta' Jannar fis-Sala tal-Konferenzi tal-G.W.U., it-tielet il-Kors fil-Kitba Kreattiva mniedi mill-AZAD f'Tas-Sliema u li beda fi Frar, u r-raba' u mhux b'inqas il-ftuħ uffiċċjali tal-grupp letterarju ġdid *Versarti* nhar it-23 ta' Frar.

Jalla dawn l-attivitajiet jirnexxu, jalla jseddqu l-għan ewlieni letterarju tagħna, u jalla l-kittieba attivi tal-Malti jifhmu li lkoll hemm bżonn naħdmu id f'id u flimkien.

Mis-Sillabu

**Kull korrispondenza għandha tintbagħat lil**
L Editur, Mis Sillabu,
Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd,
P.E.G. Building,
Triq Herbert Ganado,
Il-Ħamrun, Malta.

**Abbonamenti u ħarġiet ta' qabel mingħand**
P.E.G. Book Centre,
Savoy Shopping Arcade,
Il-Belt Valletta. Tel: 621229

# KITBA MHIX MAGĦRUFA TA' M.A. VASSALLI (2)
# "KLIEM BEJN TNEJN" minn Ġużè Cassar Pullicino

F'M.A. VASSALLI nosservaw żewġ elementi oħra li jinsabu sew fl-*Alfabeto Maltese* fejn jinqara d-djalogu kif ukoll fl-*Alfabet Malti ta' l-1790. Fit-tnejn hemm referenza għall-grammatika li kellha toħroġ fi żmien qasir, waqt li l-Alfabeto Maltese* jagħlaq bi kliem jixbah ħafna lil dak li bih jagħlaq il-*Mylsen*, kif jidher minn dawn is-siltiet:

**Alfabeto Maltese** (s.d.)

... urajh (i.e. alfabett) ikollkom minn l aktar fis ed-diqduq (i.e. *grammatika) Malti... Ed-diqduq li jkollok wara ftit taż-żmien ieħor... (pp. 6–7)*

... di ciò (i.e. il-bdil fil-ħoss ta' l-ittra ***għ*** *f'nofs il-verb, eż.* ***blajt****, minn* ***bala'****) si parlerà più a proposito nella grammatica... (p. 4)*

Fit-tmiem:

*Tarf el-ktieb, u aktar u ngħaddu 'el quddiem ikun ferħ, hena u ġid.*

**Alfabet Malti** (1790)

*"... molti simili esempj ... si potranno incontrare nella nostra Grammatica Maltese... (p. 16)*

*... tutte queste ragioni l'abbiamo esposte nella nostra Grammatica Maltese, dalla quale abbiamo estratto questa breve Spiegazione Maltese e Italiana per render a tutti più agevole l'intelligenza. (p. 24)*

**Mylsen** (1791)

Fit-tmiem:

*Tarf il-ktieb, u 'l Alla ġieh.*

Din ix-xhieda interna tiswa biex twassal għall-konklużjoni illi ladarba ż-żewġ pubblikazzjonijiet anonimi żgħar, i.e. *Alfabeto Maltese* (s.d.) u *Alfabet Malti*.. (1790) it-tnejn jirriferixxu għall-grammatika li l-awtur kellu lesta biex toħroġ fi żmien qasir għandna quddiemna moħħ wieħed li qed jaħdem u jirsisti biex iġib it-tagħlim tal-Malti 'l quddiem u dan il-bniedem kien għalhekk M.A. Vassalli, l-awtur tal-*Mylsen*.

Nerġgħu issa għad-djalogu *Kliem bejn Tnejn*. F'dak li hu stil, wieħed malajr jagħraf illi f'ħafna bnadi dan huwa iebes, u, kollox ma' kollox, nieqes mill-ħlewwa u mill-ħeffa. Jidher ċar illi l-awtur fittex wisq illi ma jdaħħalx kliem li m'huwiex Malti; kif semma l-Imgħallem fid-djalogu: "... bħal ma qiegħed tara mmur neqaflek kemm nista' fuq l-egħruq kollha tal-kliem mill-bidu tagħhom u nfittex li ma tintelefx l-ebda kelma li għoddha nthalliet u ntsiet imħabba fet-tiġrifa l-kerha li għamel minn bosta żmien s'assa el-lsien qadim tagħna".

F'din il-ħaġa l-kittieb esaġera fi kliem bħal *ed-diqduq* flok "grammatika", *el-qamus* flok "dizzjunarju" u f'xi espressjonijiet bħal *fl-ewwel meken* flok "l-ewwel nett", u *fel-werqa* flok "fil-karta". Aktarx li l-awtur innifsu għaraf dan in-nuqqas, għax dawk il-kelmiet li l-iżjed jinħassu mġebbda biex jinġiebu minn egħruq Semitiċi u li forsi wkoll fi żmienu ma kenux mexxejja, mhux talli nbidlu f'kitbiet oħra li Vassalli ħareġ wara, iżda lanqas biss jidhru fil-*Lexicon* (1796). Dawn



**Silta mill-Misc. 564 tal-Bibljoteka Nazzjonali**

(Ħajr lil Carmel G. Bonavia għar-ritratt)

huma: *maħfud* (fir-raba' paragrafu tad-djalogu), li bl-Għarbi tfisser "ippreservat", u li Vassalli ma reġax niżżel fil-*Lexicon*, *talamid*,[4] li flokha fl-1829 Vassalli nqeda bil-kelma "dixxiplu" fil-*Vanġelu skond San Mark* (xvi, 7); *ed-diqduq*, li fl-1791 bidel f'*Mylsen* kif ukoll fi "grammatika" (*Mylsen*, p. 236), u *el-qamus* li nbidlet l-ewwel fi "ktieb tal-kliem" fl-1791 u wara fi "ktieb il-kliem" fl-1796.

Dan li wrejna jwassal għall-fehma illi l-"Kliem bejn Tnejn", kif ukoll il-ktejjeb *Alfabeto Maltese* fejn jinqara, jista' jitqies bħala xogħol ta' M.A. Vassallo fl-ewwel żmien ta' meta kien jistudja f'Ruma (1788–1790). Fl-aħħar snin ta' ħajtu Vassalli nnifsu semma li huwa kien sawwar l-ewwel alfabett Malti tiegħu fl-1788.[5] Għall-ewwel kien jinqeda b'din l-ortografija għall-użu tiegħu privat sakemm lesta u qassam bl-ordni xogħol li kien jinħtieġ. Imbagħad ressaqha quddiem il-pubbliku Malti meta stampa l-*Alfabet Malti* fl-1790 u l-*Mylsen* fl-1791 u mill-ġdid meta ħareġ id-dizzjunarju tiegħu fl-1796.[6]

Kieku s'hawnhekk ir-raġunamenti jidhru kollha f'waqthom u jiftiehmu ċar. Ħaġa waħda biss tħallili dubju, ċkejken kemm hu ċkejken. Vassalli semma wkoll illi huwa baqa' jżomm prinċipju wieħed ta' alfabett imfassal minnu mis-sena 1788 u li fuqu mexa fix-xogħlijiet tiegħu, ukoll f'dik it-tieni edizzjoni tal-Grammatika tal-1827.[7] Iżda kulħadd jista' jara li ż-żewġ alfabetti m'humiex l-istess ħaġa. Jekk m'hix ħaġ'oħra, (i) l-alfabett tal-1790 u tal-1791 (*Mylsen*) fih 33 ittra, waqt li fl-*Alfabeto Maltese* huwa magħmul minn 30 ittra, u (ii) xi wħud mill-ittri fil-ktejjeb *Alfabeto Maltese* huma msawrin xort'oħra minn kif imbagħad dehru fl-1790 u fl-1791.

Min-naħa l-oħra, għandi mnejn – jew, aktarx li qiegħed irreqq iżżejjed għaliex, wara kollox (i) Vassalli kien qed jikteb fl-1827 – 39 sena wara li kien sawwar l-ewwel alfabett fl-1788 u seta' fil-wisa' nesa jsemmi xi rqaqat, u (ii) kif wera Silvestru De Sacy fl-istudju tiegħu dwar ix-xogħlijiet ta' Vassalli fil-*Journal des Savans*, f'April 1829 "għalkemm igħid li żamm prinċipju wieħed, iżjed 'il quddiem jistqarr li f'dik it-tieni grammatika kellu jagħmel xi tibdil f'dan l-alfabett ...; kieku wieħed ixebbah iż-żewġ alfabetti għandu jinduna li t-tibdil huwa wisq iżjed milli seta' jaħseb".[8]

Kollox ma' kollox, mela, din li Vassalli m'għamel ebda tibdil fl-alfabett nistgħu ninsewha u noqogħdu minflok fuq ix-xhieda ġewwinija li ħriġna mid-djalogu "Kliem bejn Tnejn", kif ukoll mix-xebh mal-*Mylsen* li wrejna biex inqisu lil M.A. Vassalli bħala l-awtur ta' l-*Alfabeto Maltese* li fih jidher id-djalogu "Kliem bejn Tnejn".

**NOTI:**

4. *Telamid* (L. "discipulus") tinqara fil-lista ta' 381 kelma miġburin minn Philip Skippon f'Mejju, 1664 bħala eżempji tal-lingwa Maltija meta qatta' ħamest ijiem f'Malta. Ara J. Cassar Pullicino, "Seventeenth Century Englishman visits Malta" fis-*Sunday Times of Malta* tat-30 ta' Settembru, 1956. C.L. Dessoulavy ikkommenta wkoll fit-*Times of Malta* tas-27 ta' Novembru, 1939 dwar dil-lista ta' kliem ta' Skippon u semma li "... the Maltese word for "disciple" is *telamid*, another word that unluckily seems to have since gone quite out of use". Jista' jkun li kienet għadha tinstema' 'l hawn u 'l hinn meta nkiteb id-djalogu *Kliem bejn Tnejn*.

5. M.A. Vassalli *Grammatica della Lingua Maltese*, 2a ed., Malta, 1827, p. V. Għal dokumentazzjoni dwar il-qagħda ta' Vassalli f'Ruma bejn l-1788 u l-1790 ara Mgr. Prof. C. Sant, "M.A. Vassalli's Sojourn in Rome (1788–1790)" fis-*Sunday Times* tat-3 ta' April, 1983.

6. M.A. Vassalli, *Ktŷb yl Klŷm Mâlti 'mfysser byl-Latin u byt-Taljân sive ... Lexicon Melitense-Latino-Italum*, Romae, 1796 – Discorso Preliminare, pp. xxxi–xxxii. Is-silta li għandha x'taqsam tinqara hekk: *"Questa* (ortografia) *mi servì prima ad uso mio privato, finchè detti sesto a un'opera che si desiderava. La proposi poi al nostra pubblico colla mia Gramatica, e coll'Alfabeto che diedi alla luce un lustro fa perchè l'esaminasse. Or la ripropongo col Dizionario presente ..."*

7. Fil-Prefazzjoni "L'Autore ai Lettori" Vassalli kiteb hekk: *"... una sola Ortografia ben ponderata e capace a condurci alla meta prefissa de' Letterati le abbiamo assegnato nel 1788, alla quale invariabilmente abbiamo proseguito ad attenerci con esperienze incontestabili in altre opere e nella presente"* M.A. Vassalli, *Grammatica della Lingua Maltese*, 1827, p.v.

8. Ċitat minn A. Cremona fil-ktieb *Mikiel Anton Vassalli u Żminijietu: Bijografija*, Malta, 1937, p. 73.



Ġużè Diacono



# IR-RUMANZ "SAN ĠWANN" (3)

•jissokta minn paġna 116

SAN ĠWANN fih tista' tgħid l-elementi kollha li jqegħduh fil-klassifika tar-rumanz storiku-romantiku. Huwa bbażat fuq fatti u persunaġġi storiċi tal-qedem, il-karattri tajba huma anġli neżlin mis-sema, waqt li l-ħżiena huma eħżen mix-xjaten. Fil-każ tagħna, kif tistenna bl-esperjenza ta' rumanzi Maltin oħra ta' din ix-xeħta, il-karattri pożittivi huma kollha Maltin jew barranin li ħabbew lill-Maltin, bħal La Cassiere u Correa, waqt li l-karattri li kienu kontra jew ħaqru lill-Maltin huma kollha l-ħżiena u l-ħajna u kollha barranin. Hemm xi eċċezzjoni dgħajfa bħal Luqa Ciantar, li ħa lil La Cassiere fuq demm id-dars, u hemm ukoll l-Isqof Gargallo, li ma tgħidx li kien għadu tal-Maltin, iżda kien preġudikat kontra La Cassiere, għalkemm fl-aħħar mill-aħħar ra d-dawl.

La Cassiere "ma kellux xeħta ta' kburi, imma tħares lejh kien iġiblek qima", kien raġel ta' "fehma sħiħa u r-rieda qawwija, imma kien ta' qalb ħanina, u raġel ta' ġieh. Kellu "ġibda lejn niesna, u ma kienx jagħtihom il-ġenb bħal xi slaten oħra". Ta' min jinnota wkoll dan li ġej dwar La Cassiere: "Cassiere ma kienx taħt it-tron tal-ward u ż-żahar; bniedem ta' rasu iebsa u ta' reqqa kbira għad-dixxiplina, ried l-ewwel ħaġa jrażżan lill-Kavalieri, li bosta minnhom kienu refgħu rashom wisq, u kellhom moħħhom fil-frugħa u ċ-ċajt; hu ma kellux xeħta biex jiġbed nies lejh; ma kienx jaf juri ħaġa b'oħra, il-qerq ma kienx jaħmlu, flok ma wissa bil-ħlewwa amar bl-aħrax u, meta ltaqa' mal-għawġ, flok ma mexa b'moħħu, wera snienu." Ma kienx jaf "jagħlaq għajn waħda, meta messu għalaqhom it-tnejn, b'hekk hu kisirha ma' ħafna minn sħabu, u lil dawk il-kavalieri li kellhom għalih, tahom ir-riħ fil-qala'," u sabu iktar lil min ixewxu. Hawn naraw il-kwalitajiet tajba ta' La Cassiere, imma ninnotaw ukoll il-kwalitajiet severi tiegħu li, fl-attentat biex irażżan lill-Kavalieri li kienu qegħdin jinfexxu f'abbużi u kisru l-voti tagħhom, ġabulu l-egħdewwa li riedu jwarrbuh minn Granmastru.

Il-Kavalier Correa kien xalatur u kien iħobb it-tbahrid, u kemm-il darba fetaħ daru f'Ħal Qormi għal "sahriet bla ħsieb" u ta' ħala. Imma mal-kavalieri żgħażagħ kien jistieden ukoll Maltin, "għax Correa kien wieħed mill-ftit kavalieri li kienu jistmaw il-Maltin u jistednuhom għandhom".

Minn fost il-Maltin fil-ġrajja ma ninsewx lil Dun Naz Abela, "bniedem miżmum minn kulħadd fuq wiċċ l-idejn għal irġulitu", u lil Fantin, "raġel tax-xogħol, igħix bil-ħidma u s-sabar, kien hieni fil-faqar tiegħu, jaqla' bukkun jieklu bil-barka, igħix fil-ġabra tad-dar u fil-għożża tal-familja, ma kien igħir għal ħadd u ma kien jixtieq xejn minn tan-nies, ..."

M'għandniex x'ingħidu, il-kwalitajiet u l-karattri ta' dawk li kienu jduru ma' Romegas, egħdewwa kemm ta' La Cassiere u Ġlormu Cassar, u kemm, xi wħud minnhom, ta' Vitorju u Mariroż, kienu kollha kuntrarji għall-kwalitajiet tajba ta' La Cassiere u ħbiebu, l-aktar il-Maltin. F'naħa kollox tajjeb, fl-oħra kollox ħażin.

Nibdew minn Romegas innifsu. Tassew li kien kavalier ta' ħila tal-għaġeb, u ismu kien iwerwer lill-Misilmin, imma l-Balliju Maturin de Lascaut Romegas kien "raġel kburi, mimli bih innifsu u ħawwadi mill-aqwa; kien bniedem li jaqta' bla ma jqis, jixħet fejn ħabat laqat, raġel bla sabar u bla raj". Madankollu, "Romegas ma kienx raġel ta' qalb ħażina, aktarx kien ibleh milli ħajjen," igħidilna Galea, imma l-imġiba ta' Romegas aktar 'il quddiem fil-ġrajja, in-nuqqas ta' mogħdrija għal Vitorju u Mariroż, u aktar u aktar meta pprova joqtol lil La Cassiere, ftit li xejn jaqblu mar-raġel li jippreżentalna Galea fir-rakkont tiegħu, għalkemm jidhru sostanzjati mill-ġrajja storika nnifisha. Anqas ma qagħad jaħsibha biex jitfa' lil Fantin fost il-qaddiefa tas-"San Ġakbu".

Fost il-ħbieb u kompliċi ta' Romegas, kien hemm il-Kavalieri Mailloc, il-Kaptan tax-xini "San Ġakbu", "bniedem kburi, ħawwadi, ambizzjuż, moħħu jberren dejjem biex jara kif jogħla u jilħaq lil dawk ta' qablu," u Sachenville. Mailloc kellu sehem f'dak li ġara lil Fantin meta ntefa' mal-qaddiefa, u 'l quddiem naraw liema ordnijiet ta dwaru lill-argużin tiegħu Menzju Impellizzeri. Ta' min igħid hawn, li, għalkemm Galea jsemmi dawn iż-żewġ ismijiet ta' kavallieri, mid-dokumenti li jeżistu donnu jidher li dawn kienu wieħed, Mailloc-Sachenville. Kien hemm ukoll Cressin, il-Prijur tal-Knisja ta' San Lawrenz u wara ta' San Ġwann, li Galea jsejjaħ "Cressino". Dan ta l-parir tiegħu kif, kelma llum u kelma għada, setgħu jsaħħnu l-poplu u jdawruh kontra La Cassiere, u hawn mhux ta' min jinsa t-theddida li Galea jqiegħed f'fomm Romegas: "Il-poplu," qal, "jeħtieġ idur magħna bla telf ta' żmien, jeħtieġ infehmuh, imma jekk ma jridx jisma', ingagħluh jisma' b'din" u silet ix-xabla mill-għant b'saħna kbira" (p. 18). Għalija, l-awtur donnu nqabad bejn ħaltejn meta ddeskriva l-kwalitajiet u l-karattru ta' Romegas. Qabel nitlaq il-kompliċi ta' Romegas, inżid li l-kavalier Louis de Mailloc-Sachenville aktarx li ma kienx kontra La Cassiere.

Niġu issa għaż-żewġt irġiel li bihom inqdew Romegas u sħabu tar-rewwixta kontra l-Gran Mastru: Menzju Impellizzeri u Toni Ċelli. Impellizzeri, l-Argużin tax-xini "San Ġakbu", kien xitan inkarnat, u l-krudeltà tiegħu tikkontribwixxi ħafna għall-melodrammatiċità tar-rakkont. Menzju Impellizzeri kellu qalb ta' dbiba taħt sura ta' bniedem, bniedem bla ġieh, raġel bla raj, hu kien għadda ħajtu mgħarrar fil-ħażen u tabba' ruħu b'kull għamil faħxi; ħajjen u ta' qalb xierfa, kien jinqeda bid-dehen ta' moħħu u bis-saħħa ta' drieghu biex itaffi l-għatx tal-ġibdiet koroh li kellu ..." Kien "raġel qarrieq għall-aħħar," kien "jindaħal għal kull għelt u tgerfix, ruħu qatt ma niggżitu, qalbu qatt ma ħennet, moħħu qatt ma nfetaħ għas-sewwa." F'żgħuritu ma baqax lura mit-tagħlim, u billi studja taħt imgħallmin li kienu qassisin, sar jaf iġib ruħu bħal wieħed tal-knisja wkoll. (Dan hu element importanti għal dak li jiġri fir-rumanz.) Kien Naplitan, imma mar igħix Ruma, fejn wara ħafna praspar u ftietaq, sab ruħu f'għawġ kbir, u biex jeħles mill-ġustizzja, mar inkiteb mal-bonavolji fuq ix-xwieni ta' l-Ordni ta' Malta. Madankollu, moħħu kien jilħaqlu, u ma damx wisq fuq il-bank tal-qaddiefa, wara ftit taż-żmien laħaq Argużin (pp. 22 – 23). U kemm kien igħożż is-swat!

Toni Ċelli, l-arkitett Ruman li Impellizzeri sab għal Mailloc, ma kellux "ġibda għall-ġmiel tas-sengħa daqskemm għall-qligħ kbir li setgħu jħallulu ... (p. 37). Galea mill-ewwel, malli jlaqqagħna ma' Ċelli, joħloq kuntrast kontra tiegħu ma' Ġlormu Cassar, li tant kien igħożż s-sengħa tiegħu u x-xogħol li La Cassiere kien fdalu f'idejh. Ċelli "berraq għajnejh" malli sar jaf li Mariroż kienet sejra tiret lil Dun Naz. (p. 44). Ara, imbagħad, kif bla skruplu xejn daħal fil-kumplott ta' Romegas u Mailloc, meta bagħtu lil Impellizzeri fi Sqallija biex jiġi lura u jippoża ta' Avukat Konċistorjali mibgħut mill Vatikan; kif ukoll, kif inqeda bla ebda tingiż tal-kuxjenza bil-miżerja ta' l-imsejkna Mariroż meta Vitorju sab ruħu taħt it-torturi ħalli jasal għall-ħsieb ta' moħħu.

Ġużè Diacono

# XI ASPETTI KRITIĊI TA' POEŻIJA TRADIZZJONALI



## GĦAL DUN MIKIEL XERRI

Kont għadni, nista' ngħid, ċkejken tarbija
meta ktieb-il ġrajjiet ħabbibni miegħek,
għax fik għaġġbitni l-ħila barranija,
u l-kelma sħiħa bħall-egħruq ta' driegħek.

Iżda kif ġejt fuq l-għatba tar-rġulija
u xtaqt inbus lil dak li qatt ma tmiegħek,
u fittixt, imm'għalxejn, fuq l-art maltija
ħaġra li turi fejn hu l-qabar tiegħek,

jien regħ'xt u bkejt, għax rajt kemm kienet xħiħa
miegħek din l-art li int ħabbejt fis-sewwa,
bi mħabba safja u bla nuqqas sabiħa;

għax tajfitna b'agħmilek sfat mirquma,
u għall-qawwa li wrejt quddiem l-egħdewwa
kienu jitkabbru bik Atene u Ruma

**DUN KARM**

1. Din il-poeżija għandha ħafna mill-karatteristiċi tal-poeżija tradizzjonali. Nistgħu ngħidu li hija prodott ta' qabel żmienna. Għalhekk il-viżjoni poetika hija waħda konvenzjonali. Dan jixhduh it-tema u l-kontenut. Tema u kontenut f'din il-poeżija jagħtuna x'nifhmu li nbnew fuq forma pridetermінata.

2. *IT-TEMA* tidħol sewwa fil-viżjoni romantika tal-poeżija. L-iktar suġġetti għal qalb il-poeti ta' qabel żmienna kienu l-patrija u r-reliġjon li bejniethom ma kienx hemm dikotomija, iżda unità. L-aspett epiku u glorifikanti huma s-sies tematiku ta' din il-poeżija.

3. *IL-LESSIKU* (il-kliem) jixhed viżjoni romantika tal-ħajja. Huwa l-lessiku li jaqbel mad-*decorum* tal-poeżija kif kienet titlob l-estetika tal-poeżija tradizzjonali. Il-kliem użat jaqa' fin-norma (regola) tal-kelma li "tixraq" il-poeżija. Ma nsibux id-devjazzjoni min-norma li tant tikkaratterizza l-poeżija ta' żmienna. Il-lessiku bażiku ta' din il-poeżija huwa mibni fuq l-emozzjoni:
a) VERBI: *ħabbibni; għaġġbitni; nbus; regħ'xt; bkejt; jitkabbru.*
b) AĠĠETTIVI: *ċkejken; barranija; sħiħa; safja; sabiħa; mirquma.*

L-element Semitiku wkoll igħin fil-bini ta' din il-poeżija. L-elementi Rumanz u Indo-Ewropew ma kinux "għodod xierqa" għall-poeżija tradizzjonali. L-ilsien Semitiku kien l-unika għodda "xierqa". L-għalqa semantika għalhekk kienet limitata. Madankollu l-poeta wessa' l-għalqa semantika mill-aspett Semitiku. Juża l-istat kostrutt, karatteristika tal-lingwi Semitiċi (e.ż. *ktieb il-ġrajjiet*); juża kliem arkajku jew aħjar ma tantx għadu użat; idaħħal neoloġiżmu bħal *tajfa*. Dan kollu jitbiegħed mit-taħdit ta' kuljum.

4. *SINTASSI:* Is-sintassi wkoll jimxu fuq id-*decorum* tal-poeżija. Il-ħoss tal-poeżija jixhed solennità. Hemm sens qawwi ta' sublimazzjoni fil-kadenzi tas-sintassi. Ir-ritmu jgħin fil-ħolqien ta' dan l-ambjent. Il-poeta jrid li jittieħed bis-serjetà. L-aspetti prosodiċi kollha jgħinu fil-ħolqien ta' atmosfera klassika. Il-għażla tas-sunett tixhed dan. Fis-sunett insibu deskrizzjoni fil-kwartini u riflessjoni fit-terzini. Il-messaġġ irid jasal. Ir-rima tgħin wkoll f'dan l-ambjent poetiku.

5. *FIGURI TAD-DISKORS:* It-tirqim tal-kelma u s-sintassi jingħaqdu ma' figuri tad-diskors jew figuri rettoriċi biex il-poeżija twassal għal viżjoni. Il-metafora jew aħjar is-similitudni (*bħal għeruq ta' driegħek; l-għatba tar-rġulija*) kollha jimxu man-normi li ddeterminaw l-għażla lessikali u sintattika, skond il-metagrammatika suġġettiva ta' Dun Karm.

6. *L-ELEMENT TAL-ĦOSS:* Il-ħsejjes huma dawk li jaqblu ma' l-ilsna Semitiċi. B'hekk biss tista' tinħoloq poeżija Maltija. Il-ħsejjes vokaliċi u konsonantali jaqgħu fit-tifsiliet tal-lessiku Malti.

7. *IL-PERSONA:* Huwa l-poeta nnifsu li jrid jgħallem.

8. *TON:* Ivarja bejn ħasra, ċanfira u esklamazzjoni.

Dawn l-elementi kollha flimkien iwasslu għal poeżija romantika f'qafas klassiku li l-iskop hu li tkabbar il-mit patrijottiku li jappella għall-massa.

**TARĊISJU ZARB**



**Dun Karm: viżjoni konvenzjonali**
**Disinn ta' Augusto Cardinali (1985)**

# Żvilupp fis-sens: (3) Trasferiment Metonimiku

FIŻ-ŻEWĠ ARTIKLI TA' QABEL dan tkellimna fuq l-iżvilupp tas-sens tal-kliem. Rajna l-ispostament, imbagħad rajna t-trasferiment metaforiku. B'dan l-artiklu dwar trasferiment metonimiku nagħlqu s-suġġett tagħna.

Il-*metonomija* tingħażel miż-żewġ tipi l-oħra b'dan il-mod: tingħażel mill-*ispostament* għax hija qabża fejn l-oħra hija bidla, u tingħażel mill-*metafora* għax filwaqt li f'din il-bażi tat-tibdil hija x-xebh, fil-metonomija l-bażi tat-tibdil hija rabta fil-kuntest.

L-espressjoni "rabta fil-kuntest" jeħtieġ tiġi mfissra għax hawn se nagħtuha sens wiesa' li, tista' tgħid, jiġbor fih il-proċessi psiko-assoċjattivi kollha. Madankollu se nsemmu biss il-proċessi l-aktar importanti fosthom għax huma attivi fil-Malti.

Għall-kuntrarju ta' dak li għamilna fiż-żewġ tipi l-oħra, f'din il-kategorija ma nistgħux narmaw sensiela ta' distinzjonijiet binarji biex taħthom inqassmu l-eżempji b'mod ordnat u ekonomiku. Iżda dan ma jfissirx li t-trasferiment metonimiku hu xi rokna mwarrba tas-semantika fejn nixħtu l-eżempji li jħabbtulna rasna. Ifisser biss li l-bniedem għandu f'moħħu xibka sħiħa ta' assoċjazzjonijiet, dejjem attiva, u s-sens ta' kelma għandu diversi mogħdijiet mnejn jagħżel li jiżviluppa.

Ir-rabtiet fil-kuntest li se niffokaw fuqhom huma (a) ir-rabta fl-ispazju; (b) ir-rabta fiż-żmien; (ċ) ir-rabta bejn il-kawża u l-effett li ġġib, u bil-maqlub; (d) ir-rabta bejn is-sħiħ u s-sehem. Hemm bosta rabtiet oħra ta' importanza inqas.

Billi r-*rabta fl-ispazju* hija l-aktar taqsima importanti sejrin nibdew biha. Hija rabta sempliċi għall-aħħar ta' żewġ oġġetti li jmissu ma' xulxin jew kważi. B'hekk titfisser il-qabża li naraw fil-kelma *ċanga* (mill-Isqalli "cianca") li jafha kulħadd illum fis-sens 'laħam il-baqra'. Huma biss il-bejjiegħa tal-laħam li għadhom jafu li ċ-*ċanga* oriġinarjament kienet 'ġebla jew injama li fuqha jitqatta' l-laħam'.[1] Hekk ukoll infissru l-qabża li nsibu f'*vara* li llum tfisser 'statwa reliġjuża'. Dan iżda ma hux is-sens li nsibu fid-djalett Sqalli mnejn ġibna l-kelma. *Vara* fl-Isqalli tfisser 'sies ta' l-injam bl-iskultura u mdawwal, li fuqu tinġarr xbiha mqaddsa f'purċissjoni'. Għal dan is-sens aħna llum għandna *bradella*.

Eżempji oħra ta' żvilupp metonimiku li wkoll nikklassifikaw fit-taqsima rabta spazjali nsibuhom fil-partijiet tal-ġisem. Sewwa qal Stephen Ullmann li ġisem il-bniedem, minkejja li hu ħaġa konkreta, mhux faċli taqta' rig fih u tgħid: hawn jispiċċa sehem u jibda ieħor.[2] Tant hu minnu dan li jekk nikkonfrontaw il-kelmtejn *minkeb* u *ħanek* ma' nisilhom fil-Għarbi مَنْكِب u حَنَك insibu nuqqas ta' qbil. Ta' l-ewwel مَنْكِب (bil-pronunzja 'mankib') hija 'spalla' fil-Għarbi, filwaqt li l-oħra حَنَك (bil-pronunzja 'ħanak') tfisser 'xedaq'. Mhux biss, iżda f'De Soldanis[3] hemm aktar minn ħjiel li l-lessikografu kkonfonda meta ġie biex jiddefinixxi l-kelmtejn.

Qabża fis-sens tista' ssir ukoll fuq il-bażi ta' *rabta fiż-żmien*. Egħmil b'tifsira partikolari jgħaddi biex ifisser egħmil ieħor li soltu jsir qablu, warajh jew anki fl-istess ħin. Mhux hekk biss: l-egħmil jista' jiġi jfisser iż-żmien, jew iż-żmien l-egħmil. Hekk għandna nispjegaw l-iżvilupp fis-sens ta' *strina* 'rigal jew flus li l-kbar, jew min iħaddem, jagħti liż-żgħar, jew l-impjegat, nhar l-ewwel tas-sena'. Illum il-kelma qed jifhmu biha wkoll 'l-ewwel tas-sena'.[4]

Żewġ eżempji oħra ta' trasferiment metonimiku – taqsima rabta fiż-żmien – huma żewġ talbiet li jġibu isem bil-Latin. Dawn huma *avemarija* u *paternoster* li, billi kienu jingħadu ta' l-ewwel ma' nżul ix-xemx u tat-tieni għall-ħabta taż-żerniq waslu biex ifissru wkoll dawn iż-żewġ ħinijiet tal-Jum.

Insemmu hawn ukoll il-verb *fettet* li bħal nislu fl-Għarbi فَتَّتَ għandu bħala sens ewlieni 'qasam, qatta' l-ħobż (jew ikel ieħor) bċejjeċ żgħar'. Is-sens sekondarju 'xappap il-bċejjeċ (tal-ħobż, galletti, eċċ.) fil-kafè, fil-brodu, eċċ.' jagħtih biss Erin Serracino-Inglott. Ir-rabta semantika hija interessanti: qabel ma wieħed ixappap il-ħobż, aktarx l-ewwel iqattgħu.[5] Bidla simili seħħet fin-nom *għarus* li tfisser qabel xejn 'ir-raġel dak in-nhar li jiżżewweġ', sens li jaqbel għalkollox ma' عَرُوس fil-Għarbi. Permezz tal-proċess semantiku l-kelma ħadet ukoll is-sens 'żagħżugħ li jkun wiegħed li jiżżewweġ xebba, u magħruf mill-ġenituri tagħha'. Ħlief li dan l-iżvilupp ma seħħx fil-Malti biss. Seħħ ukoll f'bosta nħawi ta' l-Afrika ta' Fuq.[6]

Taqsima oħra tal-metonimija attiva sew fil-Malti hija dik li qed insejħulha: *rabta bejn il-kawża u l-effett*, rabta loġika li taħdem fiż-żewġ direzzjonijiet *kawża→effett* u *effett→kawża*. Minn din il-għamla ta' trasferiment għandna l-kelma *seqi* 'infjammazzjoni fl-idejn u s-saqajn meta dawn jiġu esposti għal kesħa kbira'. Il-kelma writnieha mill-Għarbi صَقِيع li tfisser 'ġlata, reżħa kbira'. Insibu għalhekk li s-seqi hu l-effett tal-ġlata li hi l-kawża, u s-sens għadda mill-kawża għall-effett. Bħalha, iżda ftit aktar komplikata, għandna l-aġġettiv sostantiv *fartâs*, kelma ta' nisel berberu li xi dizzjunarji ta' l-Għarbi jiktbu فَرْطَاس iżda jfissruha qabel xejn 'għandu l-ġilda marida, għandu l-ħżież'. Li ż-żewġ sensi jintrabtu loġikament bir-rabta kawża-effett hija ħaġa ċara. Biss inżommu wkoll f'moħħna li fil-Malti nsejħu fartas anki lil min jaqagħlu xagħru bl-età (jew mhux għax għandu l-ġilda marida). Għalhekk fl-iżvilupp ta' *fartas* għandna kemm trasferiment metonimiku kemm ukoll twessigħ.

Insibu wkoll żvilupp kawża-effett fil-kelma *xewqa* 'tebgħa fil-ġilda'. Biex wieħed jara r-rabta jrid ikun jaf dwar it-twemmin superstizzjuż ta' ommijietna li jekk mara tqila jkollha aptit ta' xi ħaġa ta' l-ikel (frotta ngħidu aħna), u titħalla bix-xewqa, it-tarbija titwieled b'tebgħa forma ta' dak li xtaqet tiekol l-omm.[7]

L-iżvilupp kuntrarju *effett→kawża* ma jidhirx li hu daqshekk effettiv. Mandankollu m'aħniex neqsin minn xi eżempji tajbin, fosthom il-verb *għoxa* (qabbel غُشِيَ عَلَى) 'intilef minn sensih'. Iżda kulħadd jaf il-verb ukoll fis-sens 'beka ħafna, hekk li qata' nifsu'. Nużawh ħafna għat-trabi li meta jagħtihom attakk ta' biki kultant jintilfu minn sensihom.

•jissokta f'paġna 126

# TEATRU TA' MIRJA SOĊJALI

## Xi aspetti kritiċi msejsin fuq korrispondenza bejn Mario Azzopardi u Francis Ebejer fl-1984.

WARA LI FIS-SNIN ĦAMSIN U SITTIN Francis Ebejer kien afferma ruħu bħala l-pijunier tat-teatru modern lokali,[1] huwa għadda biex jibda jinvestiga lill-karattri tiegħu b'mod espressjonistiku. Fuq il-livell naturali, l-ambjent u l-qafas ta' xogħlijiet bħal *Il-Ħadd Fuq il-Bejt, L-Imnarja Żmien il-Qtil* u (f'dożi mnaqqsin) f'*L-Imwarrbin* huma konvinċenti. Iżda t-taħdit ta' bejniethom, mgħobbi mhux biss b'tensjoni kontinwa iżda wkoll b'sens ta' umoriżmu nervuż, jirrappreżenta l-isfera wiesgħa u mqallba tal-moħħ.[2]

L-ironija u l-konfronti diretti huma għodda li Ebejer iħaddem ta' spiss biex jitraxxendi l-qafas "provinċjali" u jgħaddi biex jirrifletti dwar id-determiniżmu tal-bniedem fil-kumpless ta' l-eżistenza misterjuża tiegħu. Ebejer innifsu jistqarr illi l-ħsieb fundamentali tiegħu kien dejjem li jfittex xi bieb ta' ħruġ biex iħalli lill-karattri tiegħu joħorġu "minn dak id-dlam eżistenzjalista li jdawwarhom minn kullimkien."[3]

Minn hawn huwa mnissel is-sentiment ta' Ebejer lejn l-umanità, li ħafna drabi jieħu bixriet kontradittorji taħt forma ta' mħabba, xettiċiżmu, kritika bla ħniena u sens ta' ħtija. Ebejer jistqarr li "lill-umanità (jħobbha) bi mħabba tal-ġenn". Huwa jelabora jekk:

> *"Min jaf kemm-il darba nkun insuq u nħares lejn id-*drivers *l-oħra, dritti dritti fuq it-tebut ta' erba' roti tagħhom u nara l-iskeletri tagħhom. Qabda skeletri, inkluż jien, wara daqsxejn ta' rota, insuqu lejn il-ħofra fl-art: id-demokratizzazzjoni tal-mewt, sodda kbira li tesa' lil kulħadd u fuq l-istess ħxuna ta' mitraħ. U naħseb f'ħajjithom: problemi, piki, ġlied, sens ta' sbuħija u kruha, ambizzjonijiet u l-bqija. U ngħid, 'Ara daqsxejn, imsieken!' U mhux l-ewwel darba li jaqbiżli d-dmugħ. U fejn sejrin? U għalfejn dan kollu?"*

Ebejer jidher li jirriżolvi l-problema ta' l-eżistenza billi jaċċetta l-ħajja talli hi. Donnu jammetti li l-iskop tal-ħajja mhux importanti għax fiha nfisha, il-ħajja hija don, rigal li ġie mix-xejn u li ta' min jisfruttah, kulħadd kif jaf hu, bil-kontradizzjonijiet kollha umani, bil-merti u bl-istupidaġni b'kollox. Ebejer huwa dejjem konxju ta' dawn il-kontradizzjonijiet, iżda dejjem b'sentiment ta' komprensjoni u simpatija. Fil-qafas tal-għarfien tiegħu dwar il-kondizzjoni kontradittorja ta' l-umanità, il-kuxjenza ta' Ebejer dwar is-soċjetà tirrispondi kemm għall-isfida emozzjonali u kemm għal dik intellettwali. Fil-fehma ta' l-awtur, l-emozzjoni u l-intellett jingħaqdu kontinwament "biex isawru l-ħmira għall-arti".[4] Għal Ebejer l-irbit bejn dawn iż-żewġ komponenti għandu jwassal għar-riflessjoni "spiritwali" dwar id-dramm universali tal-bniedem.

L-emozzjoni u l-intellett f'Ebejer jistgħu jieħdu diversi forom, imqar dawk karikaturali,[5] bħalma jiġri f'*L-Imnarja Żmien il-Qtil*, xogħol b'effetti korali ta' nazzjon li qiegħed ifittex identità. Id-dikotomija bejn is-sentiment u l-intellett f'dan ix-xogħol partikolari tissarraf f'ritwal konxju tal-kontradizzjonijiet fis-soċjetà Maltija: it-tradizzjoni/il-kontemporanju; il-virtujiet/il-vizzji; il-qawwa/id-dgħjufija, fost oħrajn.

F'dan is-sens ukoll, l-umoriżmu fil-battuti li joħloq Ebejer għall-karattri tiegħu (l-awtur kien introduċa l-*comedie noire* fl-1952, fir-radjudramm *Tieqa Bla Qamar* u mbagħad beda jsaħħaħ iċ-ċajta teatrikament f'*Vaganzi tas-Sajf*[6], fil-bidu tas-snin sittin) jagħti enerġija kritika lill-ambjent u lill-karattri. Għalkemm Ebejer jammetti li, f'xogħlijiet bħal *L-Imnarja Żmien il-Qtil* u *Meta Morna tal-Mellieħa* ried jagħmel "omaġġ lit-teatrin Malti",[7] il-ġeneru li, wara kollox, jistqarr li ħajru għal teatru aktar impenjattiv, il-"farsesk" fl-awtur qatt m'għandu skopijiet aljenanti. Għall-kuntrarju, bis-saħħa tal-ġest karikaturali, Ebejer donnu jittama li jaqsam il-kuxjenza kritika tiegħu ma' ħaddieħor biex inissel katarsi fl-udjenza.

HUWA FAĊLI li d-drammi li Ebejer kiteb fis-snin sebgħin ikunu kklasifikati superfiċjalment bħala naturalistiċi, mingħajr ma jkun ikkunsidrat il-komponent moħbi tagħhom (fis-sens ta' kuxjenza espressiva). Fit-teatru espressjonista, il-karattri huma mqegħdin f'sitwazzjonijiet fejn l-oġġetti tad-dinja ta' barra huma mċaqilqa biex jiżvelaw l-imħuħ torturati tal-karattri. Ċertament, dan li jiġri f'*L-Imnarja Żmien il-Qtil*, f'*L-Imwarrbin* u, b'mod enfatiku, fil-karattru ta' Rita f'*Il-Ħadd Fuq il-Bejt*. Il-mumenti ta' reċtar non-realistiku (Ebejer għandu sens qawwi tal-viżiv[8] u talent istintiv għall-ġestwalità teatrika) li jirrikkjedi t-teatru espressjonista huma kotrana fid-drammi ta' Ebejer, ibda mis-sobrjetà metafiżika fl-ewwel xogħlijiet tiegħu, sa l-istilizzar reġimentat ta' Ludmilla B f'*Menz* jew iż-żifna li tevoka t-tifkiriet (mottiv ieħor li jossessjona lil Ebejer) fil-lukanda fejn jalloġġjaw *L-Imwarrbin*. Imqar ix-xena ta' Rita twelled lilha nnifisha mill-ġdid fuq il-bejt,[9] terġa' tirrispondi għall-grandiment tar-realtà fuq skala espressjonistika. Terġa', l-espressjoniżmu teatrali jitlob li l-karattri jinħakmu fi tnalja ta' biża', ħtija, u emozzjonijiet qawwija oħra, l-istess bħalma kien jiġri fit-teatru kważi-patoloġiku ta' Strindberg,[10] wieħed mill-pijunieri ta' dal-ġeneru ta' dramm. Rita, Johnny, Jean, Casta u Andrè huma lkoll prototipi ta' din l-għamla ta' teatru b'karatterizzazzjoni vjolenti.

Dwar it-taħlit tan-naturaliżmu u l-espressjoniżmu f'xogħlijiet tiegħu, Ebejer ifisser hekk:

> *"Dejjem irrid nagħti tliet dimensjonijiet lill-azzjoni fuq il-palk, i.e., minn barra noħloq l-ambjent realistiku, iżda mbagħad hemm it-trattament 'il ġewwa mill-ġilda, salmudullun, biex tkun jinkixef l-*iceberg *li hu l-bniedem sħiħ."*

Fil-bidu tal-karriera teatrali tiegħu, Ebejer ikkonċerna ruħu mill-problema tal-"bniedem universali f'ambjent universali". Il-folja nqalbet bid-drammi *Il-Ħadd Fuq il-Bejt* u *L-Imnarja Żmien il-Qtil*, li nkitbu wara xulxin, bi spazju żgħir ta' żmien jifridhom minn xulxin. Kien it-tnebbiħ ta' dawn iż-żewġ drammi li biegħed lil Ebejer mill-iffukar fuq l-univers għal-lokal speċifiku, iktar mikrokożmiku. B'danakollu, ix-xogħol tiegħu baqa' marbut essenzjalment ma' temi universali dwar l-eżistenza tal-bniedem. Ebejer jistqarr li ma jiftakarx li kien hemm "xi fattur ċar u speċifiku" li ġiegħlu janalizza s-soċjetà Maltija bħala punt tat-tluq;[11] huwa ċert, b'danakollu, li mqar is-soċjalizazzjoni fis-sens Malti ma tibqax kwalifikata fil-limiti tagħha u d-drammi tiegħu jkomplu jittraxxendu, l-aktar permezz ta' sensiela ta' kontropożizzjonijiet u anomaliji (kontradizzjonijiet sesswali, konfronti soċjopolitiċi u wkoll oppożizzjonijiet metafiżiċi li jikkonfrontaw il-passat mal-preżent, kif jiġri f'*L-Imwarrbin*).

### NOTI:

1. Ebejer tfaċċa fix-xena teatrali Maltija meta d-dramm kien iddakkar minn xogħlijiet didattiċi u medjokri li fixklu serjament l-andament serju tat-teatru f'Malta. Wara Ebejer kien hemm għall-inqas tliet awturi oħra li esponew tip ta' drammi impenjattivi: Oreste Calleja, Alfred Sant u Doreen Micallef, ilkoll prodotti tar-rinaxximent letterarju fis-snin sittin. Kontemporanjament ma' Ebejer, Ġ. Diacono u Ġ. Chetcuti nidew teatru realista.

2. Il-preokkupazzjoni psikoloġika hija fattur ewlieni fl-aħjar xogħlijiet teatrali Ewropej ta' dan is-seklu. Ebejer jinsisti illi kien wara ħafna li kien ilu jikteb li huwa skopra x-

•ikompli wara

xogħlijiet ta' Sartre, Durrenmatt, Priestley, Ionesco, Beckett, Pirandello u xi oħrajn. Ebejer beda jaqra lil dawn l-awturi f'nofs is-snin sittin.

3. Dan iqiegħed lil Ebejer dijametrikament fl-oppost mhux biss ta' awturi kontemporanji Ewropej, iżda wkoll fi strata li tbiegħdu mill-fataliżmu inerenti fix-xogħlijiet ta' l-aħjar esponenti tat-teatru modern lokali mis-sittinijiet 'il hawn.

4. Dan kien l-istess punt ta' tluq li wassal lil Dun Karm biex jiddetermina s-sintesi umana li wasslitu biex jikteb l-aħjar xogħol tiegħu, *Il-Jien u Lil Hinn Minnu* (1938).

5. Il-karikatura kienet element li ntuża b'ċerta abbundanza minn drammaturgi Maltin oħra li ġew wara Ebejer, fosthom Calleja u Sant. Il-karikatura ntużat ta' spiss mill-moviment tal-poeti l-ġodda kif ukoll bħala trattament għal għadd kbir ta' drammi sperimentali li nħadmu għal udjenzi kotrana fl-aħħar tas-snin sittin u fil-bidu tas-snin sebgħin.

6. Maħdum għall-ewwel darba fit-Teatru Manoel fl-1962, taħt id-direzzjoni ta' Ebejer innifsu li, konsistentement, mexxa l-ewwel rappreżentazzjonijiet tax-xogħlijiet tiegħu hu stess.

7. F'ittra li bagħat lill-awtur preżenti fit-18/9/1984, Ebejer stqarr li qabel beda jikteb id-drammi, teatru kien jaf "ftit li xejn", ħlief għat-"teatrini tal-Ħdud ir-Rabat jew Ħad-Dingli". Stqarr ukoll li kien "jobgħod (jaqra) t-test ta' *play*" u kien "jippreferi (jara) film". Lanqas ma kien intiż fil-kritika drammatika. Dawn huma fatturi li wieħed jeħtieġ li jikkunsidra biex jivvaluta l-istint naturali ta' Ebejer fil binja strutturali tad drammi tiegħu, li jippossedu dinamika qawwija.

8. Ta' min iqis, ngħidu aħna, il-kostumi simboliċi jew eżotiċi li Ebejer ta' spiss esiġa għad-drammi tiegħu (*Menz, L-Imwarrbin, Vum-Barala Zungarè*, fost oħrajn). Fl-1984, Ebejer esebixxa wkoll l-ewwel kwadri tiegħu ta' pittura espressjonista.

9. Xena fundamentalment simbolika fejn it-twelid ta' Rita jikkorrispondi max-xewqa tat-twelid ta' identità nazzjonali.

10. Strindberg joffri paragun interessanti minħabba li fid-drammi tiegħu, bħal fil-każ tad-drammi ta' Ebejer, il-karattri femminili jokkupaw post dominanti fuq il-karattri maskili. L-istrateġiji femminili fix-xogħlijiet kollha ta' Ebejer jitolbu stħarriġ dettaljat.

11. Wieħed irid iqis illi l-avvent tas-Soċjaliżmu f'Malta bħala fatt storiku fis-snin sebgħin kompla pprovoka reviżjoni radikali tal valuri tradizzjonali Maltin, u dan sata' kellu effett fuq Ebejer.

**MARIO AZZOPARDI**

## SEMANTIKA (jissokta minn paġna 124)

Baqgħalna naraw ir-rabta' taqsima fejn ir-rabta hi *sħiħ→sehem* jew ukoll *sehem–sħiħ*. Minn ta' l-ewwel għandna l-kelma *bejt* li fil-Għarbi hi d dar kollha (بَيْت).

Għandna wkoll *ġuf* 'l-utru' li nisilha fil-Għarbi جُوف ifisser 'żaqq'.[8] Aktarx li *ġuf* żviluppat b'dan il-mod bħala ewfemiżmu, biex tieħu post *reħem* li llum m'għadhiex fi lsien il-poplu.

Fid-direzzjoni l-oħra għandna l-isem tas-sitt jum tal-ġimgħa li nużawh ukoll biex nifhmu 'medda ta' sebat ijiem'. Mhux hekk fil-lingwa-omm li għandha żewġ kelmiet separati: جُمْعَة 'nhar ta' ġimgħa' u أُسْبُوع 'medda ta' sebat ijiem'. Minn dan it-tip għandna wkoll *qlugħ* kelma li taf tfisser il-mirkeb kollu, mhux biss il-qlugħ. Tixbaħha għal kollox il-kelma *mutur* li biha nifhmu wkoll l-inġenju magħruf. Hekk ukoll *rota* li tfisser 'bajsikil', u *xafra* li etimoloġikament tfisser 'sehem misnun u jaqta'' iżda mbagħad ukoll 'sikkina'.

Dawn il-ftit eżempji li tajna qegħdin biss biex igħinu lill-istudent jifhem aktar il-kategoriji bil-fergħat tagħhom li aħna tajna bħala mudell biex bih nanalizzaw u nikklassifikaw il-każi ta' żvilupp semantiku li għandna fil-Malti.

Jixraq li nagħlqu s-sensiela billi niġbru l-fili kollha f'dijagramma waħda għall-konvenjenza ta' min jixtieq jerġa' jgħaddi s-suġġett.

Meta jinġabru aktar eżempji wieħed ikun jista' jagħmel għażliet ta' reqqa aktar u jħoss il-ħtieġa li joħroġ fergħat ġodda li jiżdiedu ma' dawk mogħtija hawn fuq. Aħna stess fil-fatt ma dħalniex f'ċerti distinzjonijiet fini minħabba li din ma hix ħlief sensiela introduttorja għas-suġġett komplikat li huwa s-semantika.

1. Sens mogħti (iżda bit-Taljan) minn Agius De Soldanis fid-dizzjunarju manuskritt tiegħu f. 77r.

2. Ullmann qal dan fi *Semantics: An Introduction to the Science of Meaning* (Blackwell & Mott, 1962) p. 125.

3. Ara l-manuskritt imsemmi, f. 356v u 261v (għal *minkeb*) u 249v (għal *ħanek*). Fittex ukoll fl-abbozz tad-dizzjunarju f. 412v fejn De Soldanis daħħal *minkeb* u baqa' ma fissirhiex.

4. Stħarriġna dwar is-sens ta' din il-kelma f'bosta nħawi ta' Malta u Għawdex. It-28 ruħ li staqsejna wieġbu hekk: tlettax qalu li tfisser biss 'flus, rigal ...', sitta qalu li tfisser 'l-ewwel ta' Jannar' u disgħa qalu li tfisser kemm il-waħda u kemm l-oħra.

5. Il-poplu llum aktarx se jqis is-sens 'xappap ...' bħala ewlieni u 'qatta' ...' bħala sekondarju. Iżda l-konferma trid tiġi minn stħarriġ f'diversi bliet u rħula, kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex.

6. *Għarus* għandha dan is-sens ukoll fid-djalett Eġizzjan (ara d-dizzjunarju ta' Spiro, il-Kajr 1895) u f'dak Alġerin (ara d-dizzjunarju ta' Cherbonneau, Pariġi 1872).

7. Dan li għedna jgħodd ukoll għall-kelma sinonima *xehwa*. Barra minn hekk qabbel is-semantika tat-Taljan "voglia" u ta' l-Għarbi وَحْمَة

8. Biex inkunu aktar eżatti ngħidu li جُوف għandha kemm sens wiesa' 'ġewwieni' kif ukoll sens dejjaq 'iż-żaqq u ta' ġo fiha'.

**MUDELL GĦALL-ANALIŻI U L- KLASSIFIKAZZJONI TA' ŻVILUPP SEMANTIKU**



**Poeżiji ġodda ta' Mario Azzopardi**

# MONOKORDI

## Analiżi kritika minn Joe Friggieri

*Issummat*
*l-uġigħ interzjat*
*fil-lirika tiegħi.*

FIL-POEŻIJA MATURA TA' MARIO AZZOPARDI – *Demgħat tas-Silġ* (1976), *Passiflora* (1977), *Tabernakli* (1979), u issa *Monokordi* (1984) – il-preokkupazzjoni ewlenija tal-poeta hija dik li jfisser l-esperjenza morra tad-diżillużjoni kemm fuq il-livell personali kif ukoll fuq dak kollettiv. Il-poeta jtiegħem il-qrusa tal-fatti konkreti li jnikktuh u jdomm sensiela ta' xbihat, evokattivi tal-kriżi privata u pubblika, li lkoll jispellu kelma waħda: deżolazzjoni.

Fost il-poeti Maltin ta' żmienna, Azzopardi huwa wieħed minn dawk li l-aktar għarfu jfissru t-tbatija li jikkaġunaw lil xulxin dawk li jinħabbu, l-għeja mentali u fiżika li jġarrab min, wara li jħobb, jistaqsi, it-turment ta' min ma jagħrafx il-limiti ta' l-imħabba, jew aħjar, ta' min jippretendi li l-imħabba m'għandhiex limiti, ta' min dejjem jonqsu, dejjem irid, qatt ma jħoss li ħa, jew ta, biżżejjed.

### Is-Serenata: il-poeta u l-mara li ħabb

Fl-ewwel parti ta' din l-antoloġija, dik imsejħa *Is-Serenata*, il-poeta jiddeskrivi mhux tant it-tempesta psikoloġika u emozzjonali li għaddew minnha hu u l-mara li ħabb għal xi żmien, daqskemm il-weġgħa tal-firda u r-rimors li ġġib magħha t-tifkira ta' dik l-esperjenza li ma tatx frott.

*Inutli ninganna t-tifkira tiegħek.*
*L-oskurità m'hix tgħatti d-demm*
*tal-ħamiem mejjet...*
*Twil wisq dan l-għabex tiegħek.*
(Post Scriptum)

Għal min hu marid u mitluq, kollox jidher bla ħeġġa. Hemm bħal velu rqiq griż-sewdieni li jinfirex fuq il-pajsaġġ fiżiku u spiritwali u jkeffen kollox fiċ-ċpar. Nislet mill-ewwel taqsima għadd ta' xbihat li jirriflettu dan l-istat:

*Is-silġ reżaħ max-xefaq.*
(Fl-Għabex)

*Rubarbu morr il-kliem.*
(Ħarifa)

*Il-flawt imblukkat.*
*Il-ħarifa f'rasi.*
(Memorji)

*Il-ward tiegħi mimli veleni.*
(Il-Ward tiegħi)

*Fjuri tal-ħurrieq*
*fil-ħemda żvujtata.*
(Dwett)

*Il-weraq imtaqqbin u jtertru.*
*Donnu lejlet il-funeral.*
(Les Images)

*Kif ħemed kollox.*
*Sas-serenata tal-borra.*
(Jonqosni nħażżeż marka)

*Hemm nota solitudni.*
*Indeċiża taqax jew le mis-saqaf.*
(Chagrin d'amour)

*Il-qamar waqa' f'salt fl-għadira:*
*l-ilma jibki minfloki.*
(Kwartett 2)

FIL-ĦARĠA NUMRU 2 ta' din ir-rivista, ippubblikajna studju kritiku dwar il-ġabra *Tabernakli* tal-poeta Mario Azzopardi, li qiegħda fis-sillabu. Ftit ilu l-PEG ħarġu l-aktar ġabra reċenti tal-poeżiji ta' Azzopardi, bl-isem *Monokordi*. Ċerti temi huma komuni għaż-żewġ antoloġiji. Għalhekk ikun ta' siwi għall-istudenti li jqabblu l-poeżiji ta' l-ewwel ġabra ma' dawk li qed jiġu analizzati f'din il-kitba.



Il-mistika tal-Femminilità. Disinn ta' Aldo Gatt (1983)

*Int it-tebut.*
*Jien il-kuċċier.*
(Kwartett 4)

*Int qatra oħra*
*tiżżerżaq mal-ħġieġ*
*ta' did-dar qadima*
*mimlija agħsafar mejta*
*mingħajr ġwienaħ.*
(Dar Qadima)

Ton deċiżament krepuskolari, lwien u dehriet tal-għabex, ħsejjes u silenzji tal-ħarifa. Il-poeta jara sew id-distanza li tifred dak li seta' kien minn dak li ġara fil-fatt, sija fuq il-livell ta' relazzjoni personali, sija fuq il-livell ta' żvilupp soċjali u kulturali ta' poplu. Iħoss li kellu xi ħaġa xi jgħid, xi ħaġa x'jagħti, imma għal xi raġuni jew oħra dak li qal ma nstemax, dak li offra ma ntlaqax. Għal dan in-nuqqas ta' komunikazzjoni l-poeta xi mindaqqiet iwaħħal fih innifsu, xi mindaqqiet fl-oħrajn.

*Kont il-funtana*
*u flok resqu biex jaqsmu miegħi*
*qodos l-ilma*
*dennsu l-vaska.*
*Qatlu l-ħutiet żgħar ta' l-ilma:*
*il-ħawt imtala demm.*
(L-Għanja tal-Mewt)

Min huma l-'huma', is-suġġett miftiehem u mhux imlissen tal-verbi 'resqu', 'dennsu', 'qatlu' f'din il-poeżija? L-impressjoni li tingħata hi ta' profeta mhux milqugħ f'daru, vuċi tgħajjat fid-deżert, mgħallem (guru) li n-nies ma tagħtihx widen, għaref imwarrab u mogħti l-ġenb. L-istess effett joħolqu dawn il-versi:

*Il-bibien li jissabbtu f'wiċċek.*
*Il-ħaxix li jinxef meta tkun qrobt lejh.*

*Tiftakar li t-teżi tiegħek*
*ħarquha fil-misraħ fin-nar taż-żufjett.*
(Malinkonija)



**It-turufnament fil-poeżija kożmika**

It-ton ta' akkuża li jinstema' f'dawn il-versi, jidwi aktar b'saħħtu fit-tielet taqsima, kif naraw 'il quddiem. Imma mbagħad mill banda l oħra l poeta jagħraf sewwa ħtijietu u kapaċi jdawwar is-saba' ppuntat lejh innifsu, jistqarr li joħloq il-ħrejjef biex lil dik li tħobbu jkompli jittamaha (*Samaritana*), jistedinha tersaq ħa "tniggeż bl-imsiemer" tal-bews tiegħu "msaddad", u b'hekk jagħmilha "martri oħra" (*Għanja ta' Mħabba*).

### Iż-Żodjak: il-poeta u l-kosmos

"Fl-għabex" jisimha l-ewwel poeżija tal-ktieb; bil-kelma "għabex" tagħlaq l-ewwel taqsima; u bl-istess kelma tiftaħ it-tieni waħda, dik li Azzopardi sejħilha *Iż-Żodjak* biex jiffoka fuq dak li hu jgħoddu bħala l-aspett ċentrali tal-poeżiji miġburin f'din il-parti tal-ktieb: it-turufnament tal-bniedem fil-kosmos.

*Il-Bniedem l-ibgħad pjaneta*
*torbita*
*fl-ispazju tal-mewt.*
(Żodjak)

*Ħajjitna l-intermezz*
*fil-kunċerti konġestati*
*ta' l-allat.*
(Oroskopju)

Minbarra stqarrijiet ta' dan it-tip, speċi ta' epigrammi jew qwiel għorrief, insibu wkoll f'din it-taqsima għadd ta' poeżiji b'riferenzi oskuri għal figuri matematiċi u ċaqliq ta' solidi ġjometriċi fl-ispazju, bħal din:

*U d-disk kwadranglu ċċaqlaq*
*għal-lemin*
*u nqala' sfiq minn postu*
*jersaq irkaċċjat*
*viċin il-ħolm jitwettaq.*
(Mandala)

imseħbin ma' passaġġi sħaħ ta' natura għal kollox misterjuża, bħal

*Fil-kostellazzjoni*
*l-ekwinossi.*

*Iżda Alla jmeri l-ġjometrija.*
(Ekwinossi)

jew

*Qrobt lejn is-sinjal taċ-ċirku*
*l-pentagramma w it-trianglu*
*nkejjel*
*Yahwe satax dineb*
*kontrieh stess*
*f'arabesk bla spettaturi.*
(Dnub Jahwe).

Min mhux imħarreġ fl-astroloġija, min mhux midħla tal-psikoloġija ta' Jung, tal-Buddiżmu u tas-simboliżmu tal-Mandala, diffiċli jifhem dak li jrid jgħid Azzopardi f'poeżiji bħal *Psiko, Mandala, Ekwinossi, Negazzjoni I, II, III*, u *Kożmonawta*. Hemm wisq referenzi tekniċi li, lil min mhuwiex inizjat, wisq nibża' li jħalluh biered.

B'xorti tajba l-għadd ta' poeżiji ta' din ix-xorta mhumiex wisq. Fil-fatt din it-taqsima, li Azzopardi għar-raġuni li semmejt diġà, għażel li jsemmiha *Iż-Żodjak*, seta', li ried, sejħilha bit-titlu ta' poeżija oħra f'din it-taqsima, *Askesis*, li bħala sottotitlu tissellef l-isem ta' wieħed mix-xogħlijiet mistiċi l-aktar magħrufa, *Il-lejl oskur tar-ruħ* ta' San Ġwann tas-Salib. B'hekk kien qed ikun jiffoka fuq tema li hi wkoll waħda mit-temi-qofol ta' din il-ġabra: l-esperjenza personali tat-tbatija u l-mewt imġarrba fil-qafas tal-Passjoni u l-Mewt ta' Kristu fuq is-salib.

*L-uġigħ dejjem tgħixu waħdek.*
*Iżda fl-eqqel mumenti tiegħu*
*tkun qed issostni*
*l-ġrajja tremenda ta' l-umanità.*
(In-Nifs)

AZZOPARDI HUWA L-IMGĦALLEM ta' dik li nistgħu nsejħulha l-poeżija tat-tbatija u l-mewt imġarrbin f'kull forma tagħhom. Huwa jagħraf jidħol fl-ibgħad irkejjen tar-ruħ itturmentata u jnaqqax qisu bi skalpell il-fattizzi kollha tal-bniedem muġugħ. L-ebda ferita ma titqies imdennsa biżżejjed biex ma terġax tinfetaħ. L-ebda trawma psikoloġika m'hi fonda biżżejjed biex ma terġax tittella' fil-wiċċ. Ma' Azzopardi nistħajluna qed inġarrbu mill-ġdid il-ħruq tas-sikkina mxaffra dieħla taqta' l-laħam sa ma ssib l-għadma. Il-poeta jaħsadna b'sensiela ta' xbihat li jevokaw l-esperjenza tremenda tat-tbatija u l-mewt.

*L-ilma ta' rasi ħawt*
*għall-friefet mejta.*

*Qalbi ma fieqet qatt.*
*Miftuqa l-poeżija dejjem tnixxi.*

*L-istrofi tiegħi*
*l-uċuħ tan-nisa*
*mitwija fuq iz-zkuk*
*u l-qamar jiksaħ fl-għadira.*

*Il-mewt dgħajsa bla qlugħ*
*tiċċajpar fl-orizzont.*
(Mewt oħra)

Ara wkoll *Kustilja, Askesis, Toqob, Awtopsja, Spazju, Nikta, Tbissima, Talba ta' Filgħaxija, Kritalli, Skorpjun, Les Ombres de l'Été, Notre Dame, Afrika* u *Sepulkru* – din ta' l-aħħar iddedikata "lil Mario Ascione – hu fejn hu".

### In-Nisel: il-poeta u s-soċjetà

Il-poeżiji li l-aktar għandhom dimensjoni pubblika (politika) qegħdin miġburin fit-tielet taqsima tal-ktieb, dik imsejħa *In-Nisel*. Hawn ukoll tispikka tema li minn dejjem kienet tifforma parti integrali mill-prodott poetiku ta' Mario Azzopardi, ħsieb li għalih nistgħu ngħidu li sar ossessjoni, esperjenza li magħha rabat ismu u li għaliha żgur li jibqa' jissemma: ir-relazzjoni

**Mottivi ta' Kristjanita huma spissi**



ambigwa tal-poeta ma' art twelidu, espressa f'dan il-kuntest bħala relazzjoni vjolenti ta' inċest bejn omm u iben, għaqda żienja u mostruża bejn Malta, "nom femminil", kif isejħilha Pynchon, u wieħed minn uliedha.

*Sultana tal-frosti u l-forċini*
*ħlomtok b'ommi*
*ripulsiva:*
*il-ħmar il-lejl tad-denunzja tiegħi.*
*Jewilla intix il-brimba 'nċestiva*
*taħtafni bejn kuxxtejk ħoxnin*
*taħlibli ġiehi?*

(Ħamru w Kaħla)

*Min jaf sawwarthomx jien*
*il-ġrieħi tiegħek utrali*
*Ja Mara*
*min jaf?*

*Min jaf iniex l-iskerz indemonjat*
*li faqqast lill-istess ommi?*

(Skerzo)

*X'sawwart Alla li tista' kollox?*
*Min hi diż-żienja bil-ħanżir f'ħoġorha?*

(Mediterranja)

*Jien l-iżverġnat minn ommi stess*
*b'nifisha lewn il-bronż qadim*
*b'ħalqha f'tiegħi*
*tbusni għat-tul mal-fjakkli*
*fil-lejl ta' l-inċest.*

(Inċest: Notturnata lil Malta)

Azzopardi jirrifletti fuq il-qagħda iżolata tal-poeta f'soċjetà li hu jqisha 'aljenata', medhija f'attivitajiet li l-poeta jgħoddhom mhux awtentiċi, irħas, jew mixtrija. L-iżolament iwassal għall-ġenn (ara *Lunatorju*). Il-poeta jidentifika ruħu mal-miġnun, jitlob li tfittex titneħħielu l-ġebla tal-ġenn (*Lubbert Das*).

Fil-pittura famuża ta' Hieronymus Bosch, magħmula bejn l-1475 u l-1480, li llum tinsab fil-Prado ta' Madrid u li minnha hi ispirata din il-poeżija, it-tabib huwa ċarlatan. Bosch fil-fatt ilibbsu lembut f'rasu, bħala sinjal tal-qerq – simbolu li nsibuh użat drabi oħra fix-xogħol ta' dan il-pittur. It-tabib ċarlatan qed jiftaħ ras il-miġnun b'sikkina, u maġenbu hemm patri jassistih, li jidher li jafdah, u soru tħares qisha mhix hi, b'minkbejha fuq mejda tonda bi ktieb kbir aħmar ibbilanċjat se jaqa' u ma jaqax fuq rasha. Itik li tistaqsi: min minn dawn l-erbgħa min-nies l-aktar jistħoqqlu jissejjaħ miġnun? U jekk tiftakar f'dak li jgħid David Laing dwar l-oriġni soċjali tal-ġenn, u fl-istorja tal-ġenn tal-kittieb Franċiż li għadu kif miet, Michel Foucault, allura tifhem iżjed l-implikazzjonijiet tat-teoriji ta' Azzopardi fuq dan is-suġġett. Jingħadd bħala miġnun min ma jagħmilx dak li tistenna minnu s-soċjetà. Imma jekk is-soċjetà nfisha hi marida, jekk l-istituzzjonijiet tagħha huma aljenanti u jwasslu għall-iskiżofrenja, x'qed jagħmel il-poeta meta jitlob li lilu wkoll titneħħielu l-ġebla tal-ġenn? Li jsir bħall-oħrajn kollha (l-imġienen tabilħaqq) biex ma jibqax jiġi meqjus minnhom bħala miġnun? Dik hi l-mistoqsija:

*Tkun jew ma tkunx kompliċi*
*ma' plebej b'għajnejhom kesħin u 'mbruljuni.*
*Timxi jew ma timxix fil-kennierja*
*bil-pass ta' klawn polimetriku*
*jxomm l-intejjen ta' memorji 'nkonsweti.*
*Skizofreniċi.*

(Lunatorju)

F'*Agħsafar tal-Molla*, waħda mill-għadd ta' poeżiji f'din il-ġabra li fihom jinħass sew l-eku ta' l-ironija li kienet tikkaratterizza l-poeżija bikrija tal-poeta, ir-raġel li jbigħ l-agħsafar tal-molla f'bieb il-belt juri l-ġugarelli: agħsafar tal-plastik li jogħlew għaxar pulzieri kull meta jagħfsulhom daharhom u jaqgħu fit-trab saqajhom 'il fuq kif jitilquhom. Għalkemm fil-poeżija m'hemm l-ebda referenza politika diretta, il-metafora hi ċara. Il-poplu, għall-agħsafar tal-molla f'idejn il-bejjiegħ tal-ġugarelli, qed jiġi mmanipolat minn dawk li jmexxuh, mill-istabbilment politiku u reliġjuż. Imma "in-nies ma tridx taf b'simboliżmi." Żgur li l-bejjiegħ tal-ġugarelli m'għandu l-ebda 'simboliżmu' f'moħħu. Mela l-ilment f'egħluq il-poeżija jagħmlu, b'intervent dirett, il-poeta.

Ilment simili, magħmul b'mod ħafna aktar espliċitu, insibuh fil-poeżija *L-Innu tal-Ħaddiem.*

*Għajnejh tal-partit.*
*Ma jaqrax kotba dwar Rivoluzzjoni;*
*fl-ebda kjavi. U l-lejl tiegħu m'għandux vjoli*
*w'qas ma jaf il-kwiekeb.*

*Spallejh għandhom elf sena llum draw jerfgħu*
*l-eqqel lewma kontra ħajtu skond il-ħtieġ.*
*Separat minnu nnifsu*
*ħlief għax-xebh u l-għadd bil-fard*
*fir-reġistru tal-votanti.*

*Qatt ma pprova kranjumetru.*

Dan il-fatt – il-ħaddiem aljenat minnu nnifsu, mix-xogħol, minn sħabu stess, li jbigħ ħajtu lil min iħaddmu, li jbigħ moħħu lil min imexxih, li jagħmel li jgħidlu l-partit, aħmar jew blù, jew li tgħidlu l-Knisja, b'għajnejh magħluqa – huwa l-aktar fatt li jnikket lill-poeta, li jġagħlu jinfexx f'litanija ta' lmenti, jew lamentazzjonijiet, u 'dirgli', jew 'bikjiet'. Fis-salmi moderni ta' Azzopardi jidhru ż-żewġ tendenzi ewlenin tas-salmi penitenzjali tat-Testment il-Qadim: l-ewwel, il-profeta jisħet id-dnubiet tal-poplu tiegħu, dnubiet li se jwassluh għar-rovina; it-tieni, l-profeta jikkastiga lilu nnifsu biex ipatti għad-dnubiet tal-poplu tiegħu, u b'hekk forsi jeħilsu mill-kastig li ġej fuqu. Dawn l-attitudnijiet, li nsibuhom diġà f'*Tabernakli* (ara, p.e., it-taqsima msejħa *Azazel*, u l-kumment tiegħi fuqha fl-artiklu *Poeta fi tliet Burdati*, *Mis-Sillabu* Vol. 1, n. 2, 1984), jissaħħu f'*Monokordi*. Nislet, bħala eżempju ta' l-ewwel attitudni, dawn il-passaġġi:

*Għadamkom baqa' mħażżem*
*bil-memorji ta' l-iskjav.*

(Maltija)

Darba skjavi tal-barrani, illum skjavi tal-partit, politiku jew reliġjuż.

*Ħuti l-priġunieri perenni*
*tas-soffokazzjoni tagħhom.*
*Ċertifikati vassâli.*
*Sakranazzi reliġjużi*
*reffiegħa tal-bradelli*
*forċini tal-partit*
*vinji 'nfettati*
*għall-għasir*
*paragrafi mġannta fl-annali*
*tal-jasar.*

(Maltija)

•jissokta f'paġna 131



**Dettall ieħor minn pittura ta' Bosch**

DAĦLA GĦALL-POEŻIJA TA'

# ĠORĠ PISANI u ĠORĠ ZAMMIT

minn TARĊISJU ZARB



Ġ. Pisani



Ġ. Zammit

ĦAFNA PSIKOLOĠISTI huma tal-fehma li t-tfulija għandha effett dejjiemi fuq il-karattru ta' l-individwu. Oħrajn jaraw it-tfulija bħala ż-żmien fejn ftit li xejn kien hemm differenza bejn il-fantasija (speċi dawk il-ħwejjeġ li noħolmu) u r-realtà ta' madwarna. Min-naħa l-oħra l-poeta ħafna drabi huwa meqjus bħala bniedem li kiber fis-snin, iżda fil-fond ta' qalbu baqa' bħal qisu tifel żgħir. Dan fis-sens li baqa' jħoss u jħares lejn il-ħajja bl-istess sempliċità u tenerezza li jħares lejha tifel żgħir. Dan m'huwiex ħlief dak li bil-Latin, igħidulu l-*poeta puer*.

It-tfulija hawn min jaraha bħala l-ewwel tarġa għall-ħajja li jgħaddi kemm igħaddi żmien tibqa' tiġbidna lejha. Insibuha interessanti ħafna. Fil-fatt, kittieb Ingliż fost ħwejjeġ oħra jgħid li meta kittieb tal-letteratura ma jsibx fuqiex jikteb kulma għandu jagħmel huwa li jerġa' jmur lura lejn żgħoritu. It-tfulija għalhekk hija għajn qawwija ta' lehma poetika. Dan jiġri kemm meta l-poeta jitkellem direttament dwar it-tfulija kif ukoll meta jitkellem indirettament. It-temi li jagħżel l-awtur kif ukoll il-mod kif jikteb ħafna drabi jirriflettu t-tfulija tiegħu. Mhux ta' b'xejn min-naħa l-oħra li l-poeta jsemmi t-tfulija tiegħu ta' sikwit u jħares lejha b'ċerta nostalġija, bħal qisu jitbekka dak iż-żmien li għadda u spiċċa.

Mhux ta' b'xejn li ħafna kittieba romantiċi dejjem ixxennqu għal dan l-ewwel żmien tal-ħajja fejn kollox bħal qisu kellu lewn, ħajja, daqs u ħass differenti kif jidher mill-poeżija ta' Wordswoth, poeta romantiku Ingliż. Ħafna poeti dejjem xtaqu li jerġgħu lura lejn dawn l-ewwel żmenijiet ta' għajxien, b'mod speċjali meta l-ħajja tibda tagħtihom fuq wiċċhom meta jikbru. Ħafna studjużi tal-letteratura iqisuha bħala mit, jiġifieri storja vvintata fejn kollox huwa possibbli. Ħafna studjużi tal-folklor u tal-psikoloġija jqisu l-letteratura bħala xi ħaġa li ħarġet mill-għana ta' l-istejjer, il-ħrejjef u l-leġġendi. Bħal qisu jinħass li l-bniedem għandu bżonn ta' xi ħaġa li tappellalu għall-immaġinazzjoni jew aħjar għall-fantasija.

Kien għalhekk li minn żmien għal ieħor inħolqu stejjer tal-ġganti, tas-saħħara l-ħażina, tas-saħħara t-tajba, tat-Torok u dwar il-qaddisin. Kien minħabba f'hekk li ħafna postijiet u mkejjen qodma għandhom marbuta magħhom xi storja. Dawn l-istejjer meta nisimgħuhom, ħafna drabi avolja nkunu sirna kbar, u jkun għadda ż-żmien, xorta waħda jappellaw għall-immaġinazzjoni tagħna. Jibqgħu jogħġbuna esperjenzi "żgħar" ta' tfulitna.

Issa, din id-dinja ta' ħwejjeġ li jidhru li huma żgħar, mingħajr valur 'materjali' u bla tifsira speċjali għall-ħafna jipproponuhielna (jitolbuna biex nidħlu fiha) ħafna mill-poeti, li jgħaddi kemm igħaddi żmien minn fuqhom, jibqgħu ħajjin sakemm jibqgħu jħarsu lejn il-ħajja mill-għajnejn tat-tifel iż-żgħir. Dan ma jfissirx li f'kull poeta sejrin insibu egħjun ta' sliem u paċi – poeżiji ħelwin fejn kollox huwa sabiħ. Waqtiet minn dawn insibuhom, iżda ħafna drabi l-aktar li nsibu huma waqtiet ta' niket, għax f'moħħ il-poeta dejjem hemm dak li huwa ideali u sabiħ u dak li huwa ikrah. U d-dinja ta' l-adult m'hijiex sabiħa daqskemm wieħed jistenna li tkun. Għalhekk il-vjaġġi li jagħmlu l-poeti lejn l-imgħoddi ta' tfulithom ħafna drabi m'humiex ħlief biex isibu l-faraġ li tant jixtiequ u li ma jistgħux isibu fid-dinja tal-kbar.

F'moħħ il-poeta dejjem hemm dan il-kuntrast – bejn il-moħħ li jaħseb (u għalhekk ħafna drabi jbati) u t-tifel iż-żgħir li jkun għadu ma daħalx fid-dinja tal-ħsieb. Huwa minħabba f'hekk li l-poeta jħossu mdejjaq għax is-sabiħ ta' l-imgħoddi jaħbat ma' l-ikrah tal-preżent. U biex tagħqad il-poeta ħafna drabi ma jarax dan fuq il-livell personali ta' ħajtu biss, iżda jarah ukoll fuq il-livell ta' art twelidu. Dan ifisser li huwa jara l-istorja ta' pajjiżu, għaddejja minn taqlib, li jġib miegħu l-bidla, u għalhekk bħal qisu jġib il-mewt.

KEMM ĠORĠ PISANI kif ukoll Ġorġ Zammit b'xi mod jew ieħor baqgħu marbuta bis-sħiħ ma' dawk l-ewwel żmenijiet ta' ħajjithom. L-ambjenti li merħu fihom fi tfulithom sawrulhom ħafna mill-ideat li baqgħu jgħożżu matul ħajjithom. Għalhekk aktar ma bdew jikbru iktar bdew jindunaw kemm dawk l-ewwel esperjenzi ta' ħajjithom kienu importanti. M'huwiex ta' b'xejn li dawn iż-żewġ poeti baqgħu miġbuda bis-sħiħ lejn art twelidhom, Ġorġ Pisani, l-aktar lejn Għawdex, filwaqt li Zammit lejn iż-żewġ gżejjer. Iż-żewġ poeti baqgħu jfittxu wkoll is-seħer tal-ħrafa u l-leġġenda, seħer li m'għandniex xi ngħidu aktar jappella għall-immaġinazzjoni tat-tfal. Dan is-seħer ta' ambjenti msaħħra u mimlija bi stejjer mhux tas-soltu jidhru mill-ismijiet toponomastiċi li jagħmel referenza għalihom Zammit fl-"Għanja tas-Seba' Niċeċ" u l-"Għanja tas-Seba' Għerien" kif ukoll f'ħafna mill-poeżiji tiegħu ngħidu aħna, "L-Għajn tas-Sirena". Din l-għoġba tinħass ukoll fil-poeżija ta' Pisani, li għalih x-Xagħra ta' Għawdex, il-Ġgantija, il-Kastell t'Għawdex u oħrajn isemmihom ta' sikwit.

Ġorġ Żammit jitbekka kontinwament meta jara li dawk il-ħwejjeġ li tant kien għożż fi tfulitu issa kienu qegħdin jinqerdu:

*Spiċċaw, jaħasra, l-ġranet*
*Imsaħħra tat-tfulija;*
*Spiċċa l-agħjat u l-għana*
*Taħt riħ il-Biżbiżija* ("San Ġużepp tat-Tarġa", p. 5)

F'din il-poeżija l-poeta jitbekka dak l-ambjent li għex fih fi tfulitu, u li issa beda jitkisser bil-miġja tal-karrozza. Min-naħa l-oħra l-poeta feraħ bil-fatt li San Ġużepp baqa' jitbissem fuq il-wied.

Fil-poeżija "Lil Ritratt tiegħi ta' Tfuliti" (p. 119) Zammit jassoċja t-tfulija mal-ferħ, bil-ħolma li l-futur kien se jkun wieħed sabiħ. Iżda dak li ħolom fi tfulitu nduna li ma kienx ħlief ħolm. Mhux ta' b'xejn li l-poeta ma għarafx lilu nnifsu, meta issa reġa' ħares lejn ir-ritratt ta' meta kien għadu ċkejken. Il-poeta jagħlaq billi jirringrazzja lil Alla li jagħmad għajnejn iż-żgħażagħ biex ma jarawx minn kmieni l-kruha tal-*mibegħda, wild il-qerq u d-dmija!*

Din l-għoġba tal-poeta għat-tfulija tidher ukoll mill-għoġba ta' ħwejjeġ żgħar bħas-saghtar ("Gelmus", p. 120), l-ismijiet ta' imkejjen li ftit li xejn jagħtu kashom in-nies; il-kitba tal-poeżija għat-tfal.

Iżda l-ikbar eżempju ta' kemm Zammit huwa miġbud lejn żgħoritu tidher mill-fatt li ħafna mill-poeżija tiegħu bħala adult ma tirriflettix ħlief dwejjaq, dwejjaq ta' bniedem li jħoss ħafna kull meta jdawwar wiċċu u ma jarax ħlief mibegħda, vendetta, u għira. Huwa f'dan il-kuntest li l-poeta jixxennaq bla heda għal ambjenti solitarji u qalb il-kampanja 'l bogħod min-nies. Huwa minħabba din ir-raġuni li l-poeta jitlaq għal vjaġġi purifikatriċi, iżur is-Seba' Niċeċ u jżur is-Seba' Għerien. Zammit li kiber fis-snin u ra l-qtigħ il-qalb bil-fors li jżomm it-tfulija bħala l-isbaħ żmien.



Ecce Homo ta' Bosch

•ikompli minn paġna 129

F'*L'Homme par Terre* l-identifikazzjoni tal-missjoni tal-poeta ma' dik tal-profeta sseħħ bl-aktar mod espliċitu bl-użu ta' l-ewwel nom (poeta) fl-ewwel strofa u tat-tieni nom (profeta) fl-aħħar waħda biex jirreferu għall-istess persuna:

*Ħares ja belt tad-dnub.*
*Fil-vaska tal-misraħ l-ewlieni*
*niżlu r-rużinjoli jkantaw*
*bl-għafja moribonda*
*għax reġa' miet poeta ieħor*
*b'ruħu frammentata.*

*Int li ssentenzjajt il-profeti tiegħek*
*qtajthielhom għall-mewt*
*u ħaġġarthom*
*f'burlesk*
*mimli alibi foloz.*

(L'Homme par Terre)

Bħala eżempju tat-tieni attitudni, tal-poeta/profeta li jbati b'riżq jew minħabba l-poplu tiegħu ara *Dirgla lil Poplu, Il-Poeta, Trinoctium Castitas,* fejn il-poeta jqabbel lilu nnifsu espliċitament ma' Tobija, li sam għal tlett ijiem qabel beda l-missjoni tiegħu, *Bandu* ("għax għidt li smajt sawtuni"), *Sabra-Shatila* ("Mur poeżija tiegħi. Mur iċċappas bid-demm tiegħi wkoll"), *Lunatorju* ("U qabduk. Arrestawk f'ort il-meditazzjoni".) *Ħamra w Kaħla, Vistu: lil Malta* ("Nidejt sawma twila fil-ġnien ta' l-għadam ... Tlitt ijiem dmugħ vjolenti. Mas-seba' jum l-ixkora mċerċra/t-trab fuq rasi fi mnifsejja"), *Mediterranja.* Għaż-żewġ attitudnijiet flimkien ara:

*Jien nissillaba dnub ommi l-art*
*kalzrat fil-farretti tat-tkasbir tagħha.*

(Abram)

L-istess ton ta' twiddib profetiku penitenzjali, did-darba mitrux biex jimplika mhux biss lil Malta imma lid-dinja, qiegħed f'*Euroshima* u *Armageddon*, żewġ poeżiji dwar il-waħx ta' gwerra b'armi nukleari. Hemm ukoll f'din l-aħħar taqsima tal-ktieb poeżija sabiħa msejħa *Novizzjat* li l-poeta jeddedikaha lil ibnu Yevgeny u ll flha Jaghtlh parlrl slewJa Issa li jarah wasal fuq l-għatba ta' l-irġulija.

Fil-wisa' u l-varjetà ta' suġġetti li jittrattaw, il-poeżiji ta' *Monokordi* jiffurmaw bejniethom mhux biss djarju ħaj u li jqanqlek tat-tiġrib u n-niket personali ta' Mario Azzopardi poeta, iżda jikkostitwixxu wkoll il-kredu artistiku u l-manifest politiku u soċjali ta' l-awtur.

**JOE FRIGGIERI**



# TLIET PJANIJIET GĦAL KOMPONIMENT

**1. L-Uniformijiet ta' l-iskola**

1. L-uniformi tajba għax l-istudenti jħossuhom parti mill-iskola.
2. L-uniformi fiha funzjoni soċjali għax mhux kulħadd ikun jaf kif għandu jilbes għall-iskola, l-iktar it-tfal.
3. L-aspett dixxiplinarju ta' l-uniformi.
4. L-istil artistiku fit-tfassil ta' l-uniformi, jogħġobni jew ma jogħġobnix?
5. L-uniformi hemm bżonn ma tkunx tiswa ħafna flus għax kollox qed jogħla.
6. L iskola bl uniformi tista' tibni tradizzjoni għaliha.

**2. Il-Gazzetti**

1. Il-gazzetta saret ħaġa waħda mill-ħajja tagħna ta' kuljum.
2. Il-gazzetta qiegħda biex tgħaddi t-tagħrif sħiħ u mhux parzjali.
3. Il-kontenut tal-gazzetta jrid ikun bilanċjat u li jolqot l-akbar għadd minn fost il-qarrejja.
4. Il-gazzetta trid tgħaddi xi ftit taż-żmien lill-qarrejja.
5. Illum il-gazzetta trid iżżomm livell għoli għax trid tlaħħaq mal-kompetizzjoni tal-mezzi l-oħra tal-komunikazzjoni Maltin u barranin, bħar-radju u t-televiżjoni, li huma aktar immedjati minnha.
6. Il-livell tal-Malti fil-gazzetti.

**3. Il-Ġenituri u l-Ulied**

1. Ta' spiss ikun hemm il-glied bejniethom għax il-ġenituri jħossu li għadu dmir tagħhom li jmexxu 'l uliedhom, u l-ulied jippretendu li għandhom ikunu indipendenti.
2. Għalkemm iż-żgħażagħ jippretendu li huma indipendenti, dan ma jistax ikun, għax għadhom imorru l-iskola u l-paga li jista' jkollhom ma tkunx biżżejjed għalihom.
3. Il-ġenituri ta' min jirrispettahom għax għaddew mill-esperjenza tal-ħajja u ma jridux li wliedhom jagħmlu l-iżbalji li darba waħda kienu għamlu huma meta kienu daqshom.
4. Iż-żgħażagħ jippretendu li għandhom il-jedd jiddeċiedu għal rashom u jekk hemm bżonn jitgħallmu mill-esperjenza tagħhom, żgħira kemm hi żgħira.
5. Ħafna drabi ż-żgħażagħ ikollhom ibatu l-ambizzjoni żejda tal-ġenituri tagħhom li jkunu jriduhom jilħqu dak li ma waslux għalih huma.
6. Hekk bżonn li l-ġenituri u wliedhom jiftiehmu u jaċċettaw il-fatt li t-tnejn għandhom il-jedd jindaħlu 'l xulxin. Imma fejn jibda u fejn jispiċċa dan l-indħil?

**ĠORĠ MIFSUD**



# L-ORTOGRAFIJA

## u l-Alfabett ta' l-"Għaqda" ta' l-1921

Minn Ġużè Diacono

L-ortografija Maltija li għandna llum, u li, wara sittin sena li ġiet introdotta, hija bla dubju xejn stabbilità darba għal dejjem, u aċċettata minn kulħadd, hija dik li nsejħulha "tal-Għaqda". Dan ġej minn isem l-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*, illum l-*Akkademja tal-Malti*, li fl-1920 kienet ħatret kummissjoni "bi ħsieb li sseuui, tħaffef u tgħaqqad f'sura uaħda il Chitba Maltija". Fl-1921, il-kummissjoni, wara 17-il laqgħa, għamlet *Rapport fuq l-Alfabet Malti*, bi storja fil-qosor ta' l-alfabetti ewlenin li kienu ġew proposti qabel u rakkomandazzjoni ta' alfabett ġdid, u dawn ġew approvati f'laqgħa tal-*Għaqda* fit-8 ta' Diċembru 1921, meta s-simbolu g b'linja orizzontali fuqu nbidel f'ġ, u l-*u* b'sinjal fuqu nbidel f'*u* sempliċi.

Bil-għajnuna ta' Ġanni Vassallo, membru għal Għawdex tal-Kummissjoni, li kien magħruf bħala l-awtur ta' *Il-Muftieħ tal-Chitba Maltija* (1901), Ant. Cremona, membru ieħor tal-kummissjoni maħtura mill-Għaqda, fi tmien xhur ġabar ir-regoli ta' l-ortografija u l-grammatka Maltin fi ktieb imsejjaħ *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*, xogħol maħruġ mill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti fis-sena 1924, u stampat u maħruġ fl-istess sena mill-Istamperija tal-Gvern.

L-ortografija proposta mill-Għaqda damet biex taqbad, kemm minħabba l-indifferenza u nuqqas ta' interess, u kemm minħabba oppożizzjoni xi drabi saħansitra ispirata minn interessi politiċi, minn uħud li riedu t-Taljan qabel il-Malti, u l-Malti jaqdi lit-Taljan, u għalhekk ortografija msejsa fuq l-alfabett Taljan. Mill-1921 sa l-1934 l-ortografija tal-Għaqda kont issibha biss fl-organu tagħha stess, *Il-Malti*, f'*Leħen il-Malti*, pubblikazzjoni ta' kull xahar tal-Għaqda tal-Malti (Università), li bdiet toħroġ fl-1931, u f'xi numri ta' *Il-Kotra*, ġurnal Laburista. Għad illi l-Malti kien mgħallem fl-iskejjel tal-Gvern, ma kinux igħallmuh għax riedu l-Malti, imma għax riedu jinqdew bih biex igħallmu t-Taljan; għalhekk fl-ortografija Maltija ta' dak iż-żmien kien isir użu kbir minn ittri Taljani. Madankollu, meta fl-1931 ħareġ *L'Euuel Chtieb Tal Kari Malti Għat-Tfal f'Li Skejjel Elementari*, kien hemm fih ukoll simboli li ma kinux Taljani.

Fl-1932, Enrico Mizzi, il-mexxej tal-Partit Nazzjonalista, ordna li titneħħa mill-alfabett kif kien mgħallem fl-iskejjel tal-Gvern l-ittra *j* fi kliem bħal "pulizija" u "demokrazija" biex jinkitbu "pulizia" u "demokrazia"; li l-istess ittra tinbidel f'*i* fi kliem bħal "ordinarju", "arja", "djarju", u jinkitbu "ordinariu", "aria" u "diariu"; li kliem bħal "preċiż", "avviż" jinkitbu b'*s* flok *ż*.

Imma dan huwa kollu storja ta' l-imgħoddi, u jirrappreżenta l-aħħar sforzi ta' mentalità kondizzjonata minn mijiet ta' snin ta' kultura u influwenza Taljana u li riedet iż-żmien biex tara d-dawl il-ġdid. Bla dubju xejn, is-sistema tal-*Għaqda* hija l-aħjar waħda li qatt kellna, u llum hija stabbilita u aċċettata minn kulħadd u fil-kitba kollha Maltija, magħduda dawk li jirrappreżentaw jew wirtu l-mant politiku ta' l-elementi li fl-imgħoddi opponew din is-sistema b'motivi politiċi. Illum dawn il-motivi ntesew, u l-Malti u l-alfabett tiegħu huma ħwejjeġ maħbuba u miġwieħa mill-Maltin kollha, huma x'inhuma l-fehmiet politiċi tagħhom: hija wieħed mill-elementi li, lilhinn minn kull preġudizzju politiku, jagħmlu lil Malta tabilħaqq Maltija.

Ta' min iżid li fl-istess żmien Enrico Mizzi, li kien ukoll Ministru ta' l-Edukazzjoni, kien ordna l-użu ta' l-ittri *u* minflok *w*, *q* flok *k* u *sc* flok *x* fi kliem ta' oriġni Taljana, l-omissjoni tat-tikka fuq c, ġ u ż, u l-użu ta' apostrofi minflok sing wara l-artiklu.



Ninu Cremona

Dan madankollu kien tabilħaqq l-aħħar tfixkil li kellu jġarrab l-alfabett tal-Għaqda, li baqa', rebaħ, issaħħaħ, u żamm sħiħ sa llum. Fonetikament mhux diffiċli tipprova l-ħtieġa taż-żewġ simboli *j* u *w*, għaliex hija regola fil-Malti li, meta l-ittri *i* u *u* jiġu quddiem jew wara vokali oħra, jinbidlu waħda fis-semi-konsonanti *j* u l-oħra fis-semi-konsonanti *w* – "uara" issir "wara", "autur" issir "awtur", "iarmi" issir "jarmi", "aima" issir "ajma". Il-ħtieġa ta' *w* biex tirrappeżenta ħoss semi-konsonantali narawha meta niltaqgħu ma' kliem bħal "werwru" u "geżwru", fejn il-ħoss li rridu mhux dak li tirrappreżenta l-vokali *u*. Li ma kellniex l-*w*, kien ikollna niktbu "weruru" u "geżuru"!

Storikament, l-użu tal-*w* fil-Malti jmur lura sal-1839, meta din l-ittra kienet użata fil-ktieb tal-qari ta' l-iskejjel, waqt li l-*j* użaha l-ewwel darba Wzzino fil-Katekiżmu tiegħu fl-1752.

L-alfabett tal-*Għaqda* fih 29 ittra, li minnhom ħamsa huma vokali (*a, e, i, o, u*) u tnejn huma semi-konsonanti (*j* u *w*). Dwar il-vokali ma kien hemm ebda diffikultajiet serji billi tista' tgħid li huma l-istess fit-Taljan u fil-Malti. Il-ħames vokali jagħtuna, meta jingħaqdu, dawn id-dittongi:-

(i) *aj* – *aw*
(ii) *ej* – *ew*
(iii) *ja* – *je* – *ji* – *jo* – *ju* – *ij* – *iw*
(iv) *oj* (djalettali) u *ow* (djalettali)
(v) *wa* – *we* – *wi* – *wo* (djalettali).

Fost il-konsonanti ta' l-alfabett tal-Għaqda, hemm tlettax li nsibuhom fl-alfabett Taljan ukoll, waqt li l-ħdax l-oħra nsibuhom fil-Malti biss: *ċ, ġ, h, ħ, j, k, għ, q, w, x, ż*. (L-*h* niltaqgħu magħha f'xi każi fit-Taljan, bħal fil-kelma *hanno* jew l-esklamazzjoni *ah*, waqt li l-*q* insibuha magħquda ma' *u* f'ħoss ekwivalenti għall-Malti *kw*.)

L-ortografija Maltija, kontra dik Taljana, hija fil-biċċa l-kbira fonetika, għaliex bħala regola kull simbolu jirrappreżenta ħoss wieħed ikun fejn ikun. Madankollu, l-ortografija tal-*Għaqda* kellha tkun ukoll etimoloġika biex it-tagħlim tal-grammatika Maltija jkun razzjonali kemm jista' jkun. Hemm għalhekk xi simboli li mhux dejjem jirrappreżentaw l-istess ħoss. Dawn huma:

1. Is-simbolu *għ*, li tilef il-ħoss oriġinali li kellu fil-Malti, u huwa pronunzjat bħal *ħ* meta jinzerta f'tarf il-kelma u jkollu quddiemu vokali (barra minn *a*). Hemm xi ftit eċċezzjonijiet, bħalma huma xi kwadrilitteri ("dagħdagħ"), u meta dan is-simbolu jkollu warajh il-ħoss ta' *h* ("tagħha").

2. Is-simbolu *h*, għalkemm f'xi rħula jista' jkun li għadu jinstema' bħal *ħ*, fl-ibliet ma jinstemax barra minn meta jkun f'tarf il-kelma. Hekk "fih" tinqara bħal "fiħ", imma fil-kelma "fiha" l-*h* ma tinħassx. Ara wkoll kliem bħal "kruha" u "ikrah", "bluha" u "iblah".

3. Fil-Malti, meta jiltaqgħu żewġ konsonanti f'għaqda fonoloġika, i.e. wara xulxin bla vokali bejniethom, it-tieni konsonanti tista' tibdel il-ħoss tal-konsonanti ta' qabilha. Hekk, "sdieri" (plural ta' "sidrija") tinħass "żdieri", u "btieħi" (plural ta' "bitħa") tinħass "ptieħi".



**Dr. Enrico Mizzi ried l-Italjanità**



**Ġużè Aquilina li stħarreġ is-sistemi ta' ortografija bil-Malti**

F'dawn il-każi kollha, kif huwa meħtieġ, nosservaw ir-regoli ta' l-etimoloġija (u nimxu fuq l-għerq tal-kelma), mhux dawk tal-fonetika.

Biex jevitaw l-użu ta' żewġ ittri għall-ħoss wieħed (l-għ), il-membri tal-Kummissjoni tal-*Għaqda tal-Kittieba* kienu pproponew il-fużjoni ta' *g* u *ħ* f'monogramma, imma billi dan kien ikun jeħtieġ l-introduzzjoni ta' ittra komposta oħra, l-idea ma ngħoġbotx, u bqajna nużaw sa llum l-*għ*.

Il-ħsejjes rappreżentati bl-ittri *ċ, ġ, k, x* u *ż* insibuhom ukoll fit-Taljan, imma s-simboli tagħhom huma differenti. Waqt li l-prinċipju bażiku tal-*Għaqda* huwa dak ta' simbolu wieħed għal ħoss wieħed, fit-Taljan *c* u *g* jirrappreżentaw ħsejjes differenti skond il-vokali li jkollhom warajhom (*a, o, u* jew *i* u e), il-g b'*l* jew *n* warajha tinqara bħall-Malti *lj* u *nj* (gli, artigli, consiglio; ogni, ignorante). Flok iċ-ċ Maltija, it-Taljani jużaw *ci* (ciascuno, ciò, ciuco), u flok il-*k* tagħna jużaw *ch* (chiesa, perchè).

Biex tifhem għala ċerti proposti ta' alfabetti ma rnexxewx, u għala kien hemm oppożizzjoni hekk qawwija saħansitra għall-alfabett propost mill-Kummissjoni tal-*Għaqda* – li ż-żmien wera kemm hu tajjeb – trid iżżomm quddiem għajnejk li qabel l-1934 it-Taljan, ma' l-Ingliż, kien il-lingwa uffiċċjali ta' Malta, kien il-lingwa tal-Qrati, kif ukoll tal-Kurja ta' l-Arċisqof. Kien hemm żmien, meta kien Rettur ta' l-Università Dr. Agius Vadalà, li l-*Għaqda tal-Malti (Università)* ma tħallietx tiltaqa' fl-università għax kienet ikkonsidrata bħala moviment politiku. Meta ġew l-Ingliżi, it-Taljan kien l-ilsien barrani waħdani li kienu jitkellmu hawn Malta, u kien hemm akkaniment hekk kbir għall-istatus politiku tiegħu, li għal ħafna snin l-istatus politiku ta' l-Ingliż innifsu sab oppożizzjoni qalila sakemm sar il-kompromess tal-*pari-passu*, is-sistema li tat egwalità fl-istatus uffiċċjali lit-Taljan u l-Ingliż.

Meta saru l-ewwel attentati biex tinbena sistema ta' alfabett Malti, kien hemm dawk li pproponew sistema ta' ortografija Taljana, għax riedu li l-Malti jinkiteb b'mod li jservi bħala mezz għat-tagħlim tat-Taljan, u b'dan il-ħsieb riedu ittri mill-alfabett Taljan għal ħsejjes Maltin. Min-naħa l-oħra, kien hemm oħrajn li riedu alfabett Għarbi, minħabba l-fatt li l-Malti huwa lsien Semitiku u jixbah lill-Għarbi, jew, kif xi wħud ħasbu bla ma kellhom raġun, lil-Lhudi.

Kien hemm kittieba oħra li riedu li l-ħsejjes mhux Taljani jkunu rappreżentati minn ittri Taljani b'tikek dijakritiċi fuqhom, jew b'simboli ġodda li, bħas-simboli ta' Vassalli, la kienu Għarab u anqas Taljani.

L-alfabett li għandna llum, huwa bla dubju xejn l-aħjar wieħed li jista' jkollna. Kif igħid il-Prof. Ġużè Aquilina fl-*essay* "Systems of Maltese Ortography" fil-ktieb tiegħu *Papers in Maltese Linguistics*, "The best alphabet is indubitably one which satisfies the phonetics of the language without introducing symbols to which the Maltese are not used and which uses diacritical marks as sparingly as possible but where they are inevitable prefers their convenient use to the invention of new symbols."

Dan hu l-ideal li laħqet bl-alfabett tagħha l-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*, imqar jekk mhux għal kollox. B'riħet ix-xogħol utieqi tal-*Għaqda*, illum il-Malti għandu alfabett u ortografija stabbiliti darba għal dejjem. Madankollu, ma għandniex ninsew ix-xogħol li nbeda u sar ħafna snin qabel minn skulari bħal M.A. Vassalli u għaqdiet ta' studjużi bħall-*Accademia Filologica*[1] u x-*Xirka Xemia*[2].

## NOTI

(1) L-*Accademia Filologica* (1843) kienet għaqda ta' kittieba Maltin li ppubblikat alfabett tagħha fi ktieb ta' l-iskola bl-isem ta' *Tagħlim il Kari Malti*. Fl-istess sena ħarġet l-ewwel numru ta' l-organu tagħha *Il Malti Michtub Mil Accademia Filologica Maltia*, b'test Malti u iċħor Taljan wiċċ imb'wiċċ. L-alfabett tagħha kien użat uffiċċjalment fl-iskejjel mill-1850 sa l-1883.

2. Ix-*Xirka Xemia, Società Semitica* (1880) kienet għaqda li kellha kittieba ewlenin fost il-membri tagħha. Wieħed minnhom kien Annibale Preca, li ta tagħrif dwar l-alfabett tagħha lill-għalliema ta' l-iskejjel fit-2 ta' Diċembru 1882 u xandar it-taħdita tiegħu f'għamla ta' ktieb bit-titolu *Alfabet Fonetiku Malti* (1883). Preca huwa wkoll l-awtur tal-ktieb ta' l-iskola *Żieda tal Ewwel Ktieb tal Qari Malti għal Iskeyyel tal-Gvern* (It-Tieni Edizzjoni, 1885). Fl-1884, ix-Xirka Xemia bdiet toħroġ l-organu tagħha *Is-Sebħ, Qari bil-Malti miktub mix-Xirka Xemia*.

• jaqbad minn p. 103

# خطوةً خطوةً إلى المستوى العادي (٢)
# Pass pass lejn il-Livell Ordinarju (2)

**Għandna nżommu f'moħħna li l-Għarbi jinkiteb mil-lemin għax-xellug.**



**(ful)** فُل ← ف ل

Id-damma titqiegħed fuq l-ittra u l-ħoss tagħha huwa ta' (u)

**(fuul)** فُول ← ف و ل

Bejn il-(fe) fil-bidu tal-kelma u l-(lem) fl-aħħar tal-kelma, issa żidna l-(waaw) u din tawlet il-ħoss tad-damma.

---



**(beb)** بَب ← ب ب

Il-fetħa titqiegħed fuq l-ittra u l-ħoss tagħha huwa ta' (e)

**(beeb)** بَاب ← ب ا ب

Bejn il-(be) fil-bidu tal-kelma u l-(be) fl-aħħar tal-kelma, issa żidna l-(alif) u din tawlet il-ħoss tal-'fetħa'.

---



**(fil)** فِل ← ف ل

Il-kasra titqiegħed taħt l-ittra u l-ħoss tagħha huwa ta' (i)

**(fiil)** فِيل ← ف ي ل

Bejn il-(fe) fil-bidu tal-kelma u l-(lem) fl-aħħar tal-kelma, issa żidna l-(jeeq) u din tawlet il-ħoss tal-'kasra'.

---



Ara kif jingħaqdu l-ittri biex jiffurmaw il-kliem. Żomm dejjem f'moħħok illi l-ittri bil-griż ma jingħaqdux ma' ta' warajhom. L-Għarbi jinkiteb mil-lemin għax xellug.

ا

بَاب ← ب ا ب

ب

---



تُوت ← ت و ت

ت

---

ث



ث و ب ← ثَوْب

Meta ma jkunx hemm vokali qasira fuq jew taħt l-ittra nagħmlu sukun (°) fuqha.



أ ث ا ث ← أ ثَاث

---

ج



ج ب ن ← جُبْن



ت ا ج ← تَاج

---

ح



ح م ا م ← حَمَام



ت م س ا ح ← تِمْسَاح

---



# خ

خ ن ج ر ← خَنْجَر



طَ بْ بَ ا خ ← طَبَّاخ

Ftakar illi fl-Għarbi qatt ma tikteb żewġ ittri simili ħdejn xulxin jekk ma jkunx hemm vokali qasira bejniethom. F'dan il-każ minflok ma tikteb ittra doppja tikteb ّ (xadda) fuq l-ittra.

---



# د

د ب ← دُبّ



مَ و ق د ← مَوْقِد

---



# ذ

ذ ق ن ← ذَقَن



ن و ا ف ذ ← نَوَافِذ

---

•jissokta f'ħarġa oħra

G TITWILA LEJN IL-GRAMMATIKA

# L-AĦĦAR ŻJIDIET FIL-GRAMMATIKA TAL-MALTI

Wara x-xogħol siewi li għamlet l-Akkademja tal-Malti għall-bidu ta' l-istandardizzar tal-vokabolarju mnissel mill-element Anglo-Sassonu, se nagħtu fil-qosor il-punti ewlenin tagħhom biex nagħtu daqqa ta' id max-xewqa ta' l-Akkademja stess għall-propagazzjoni tagħhom mingħajr il-ħtieġa ta' liġi biex tinforzahom. Ta' min isemmi li f'Seminar li sar f'April, 1984 dawn iż-*Żjidiet* kisbu l-approvazzjoni tal-biċċa l-kbira tal-kittieba preżenti u, fuq kollox, fid-19 ta' Diċembru, 1984 il-Prim Ministru Karmenu Mifsud Bonnici, dak in-nhar kien għadu l-Ministru ta' l-Edukazzjoni, aċċettahom dawn iż-*Żjidiet* uffiċċjalment u stqarr li se jkunu milqugħa wkoll mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. M'għandniex xi ngħidu, naqblu mal-Kummissjoni ta' l-Akkademja li dawn ir-regoli li ġejjin iħallu wisa' għal żviluppi oħra fil-ġejjieni.

Ir-regoli li ġejjin se nippreżentawhom skond kif dehru fil-programm *Priżma* tat-13 ta' Frar, 1985. Min irid jarahom iktar fil-fond u jaqra r-rapport kollu għandu jara l-aħħar ħarġa speċjali ta' *Il-Malti*.

1. ***Kliem barrani li jibda bl-i-***
ma jistax jitlef din il-vokali għax hija ħaġa waħda minnu. Eż. ***skola importanti, kawża integrali, talba impenjattiva, imħabba immatura.***

2. ***Verbi missellfa li jibdew b'*konsonanti mtennija**
u jkollhom il-vokali **i-** quddiemhom jitilfu din il-vokali meta
   i. ma jkollhiex funzjoni grammatikali, bħal fl-Imperattiv, eż. ***hu pparkja, il-ġellieda bboksjaw*** imma ***il-bokser qallu: "Issa iċċalinġjani u naraw min jirbaħ!"***
   ii il-kelma ta' qabilha tispiċċa b'vokali. Eż. ***it-tifla xxuttjat, l-ajruplani llandjaw.***

3. ***Kliem missellef b'*aċċent sdruċċolu**
                1 2 3                          1 2 3   1 2 3                    1 2 3  1    2 3              1    2 3
jibqa' kif inhu, eż. **mużika**, mhux ***mużka*** jew ***mużìka**, **màniġer**, mhux ***manìġer**, **àpplika**, mhux ***applìka.**

4. ***Żewġ* vokali fin-nofs ta' kelma**
jistgħu joqogħdu fejn xulxin, basta jkunu f'sillabi differenti. Eż. ***idea*** għax ***i-de-a***, ***reali*** għax ***re-a-li***, ***ateu*** għax ***a-te-u***, ***oasi*** għax ***o-a-si***, ***egoista*** għax ***e-go-is-ta.***

   ***Eċċezzjoni:*** jekk l-ewwel vokali mit-tnejn tkun **-i-** jew **-u-**, ikollha tidħol il-**-j-** jew il-**-w-** skond il-każ bejn iż-żewġ vokali. Eż. ***briju, influwenza*** għax ***bri-ju, in-flu-wen-za.***

5. ***Kliem barrani bil-*-ia/-iu**
isir fil-Malti **-ja/-ju** jew **-ija/-iju** skond kif jinħass. Eż. ***serju, industrija, fantasija.***

6. ***Kliem li fl-ilsien oriġinali jkollu l-konsonanti 's' u ssir 'ż'***
u għalhekk ***diżarm, deċiż, żvilupp, faxxiżmu.***

7. ***Il-ħoss*** /dz/
fil-kelma jinkiteb dejjem **-zz-**. Eż. ***organizzazzjoni, gazzetta, mezza, jiskandalizza.***

8. ***Is-suffiss*** **"-zione"**
fil-Malti jsir dejjem **-zzjoni** jekk ikollu vokali qablu, **-zjoni** jekk ikollu konsonanti qablu, **-żjoni** jekk il-ħoss taz-**-z-** ikun /ż/. Eż. ***edukazzjoni, intenzjoni, oppożizzjoni, reviżjoni.***

9. ***Il-vokali* -i- *u* -u- *imkarkrin***
fi kliem mill-Ingliż ma għandhomx jieħdu l-**-j-** jew il-**-w-**. Eż. ***stim, tim, snuker, illidja.***

10. ***Il-*konsonanti mtennija *bil-Malti fi kliem li fil-lingwa oriġinali kien***
jispiċċa b'waħda.
Eż. ***plagg*** għax ***plaggijiet, magg*** għax ***maggijiet, gass*** għax ***gassijiet.***

11. ***Ismijiet proprji barranin***
jinkitbu bħall-oriġinal, basta ma jkollniex il-kelma. Eż. ***Jack, Joseph, New York, New Caledonia*** imma **il-Polonja, l-Ingilterra, iċ-Cina.**
   F'każ ta' ismijiet li jkollhom bżonn il-vokali tal-leħen quddiemhom, din il-vokali jiħduha quddiemhom. Eż. ***l-iStella.***

12. ***Il-konsonanti mtennija* -b- *jew* -p- *fin-nofs***
tista' tinkiteb b'waħda jew bi tnejn, għalkemm il-kelma **repubblika** uffiċċjalment trid tinkiteb bi tnejn. Eż. ***pubblikazzjoni/publikazzjoni, dupplikazzjoni/duplikazzjoni.***

13. ***Plurali ta' kliem b'aċċent fuqu***
dejjem ikun **-jiet**. Eż. ***unitajiet, virtuwijiet.***

14. ***Kliem internazzjonali li m'hux popolari***
jinkiteb dejjem korsiv. Eż. ***genre, vis-à-vis, ex cathedra.***

# MILL-KONTRIBUT TAL-QARREJJA

# KOMPONIMENT ĠENERALI





**1984: vjolenza waqt l-istrajk tal-minjieri tal-faħam fl-Ingilterra (*xellug*) u waqt irvellijiet anti-razzisti fl-Afrika ta' Isfel (*lemin*)**

# IT-TOLLERANZA U R-RISPETT BEJN IĊ-ĊITTADINI

L-għaqda sħiħa bejn il-popolazzjoni tal-pajjiż hija impossibbli. Dejjem jinstabu dawk illi għandhom fehmiet diversi minn ta' l-oħrajn. Kieku fid-dinja kulħadd kien jirraġuna l-istess, kieku l-ħajja kienet tkun bla varjazzjoni ta' xejn u kien ikun hawn nuqqas sħiħ ta' individwalità. Huwa aspett negattiv li wieħed ma jittollerax l-ideat u l-jeddijiet ta' ħaddieħor.

Il-kriżi tan-nuqqas tar-rispett u t-tolleranza jidher ċar illi hija internazzjonali. Kuljum ikollna ajruplani maħtufa, bombi, rikatti, ġlied u gwerer, li ma jagħmlux ħlief iċarċru d-demm sħun ta' l-umanità. Hemm ukoll it-tellieqa nukleari bejn il-blokki tal-Lvant u l-Punent, l-Ingilterra bl-istrajk tal-ħaddiema tal-minjieri, l-Indja bl-inkwiet bejn il-Ħindus u s-Sikhs, il-Libanu bil-ġlied, l-Amerika Latina bid-dittaturi u l-Afrika ta' Isfel bid-differenzi bejn il-bojod u s-suwed. Lista sħiħa li tixhed il-mibegħda, il-firda, it-tilwim, l-intolleranza, id-dittatura u r-razziżmu. Kollox ostaklu għall-paċi universali. Ħafna jridu jimponu l fehmiet tagħhom fuq ħaddieħor. Stati sħaħ ixekklu u jiċċensuraw imħuħ iċ-ċittadini. Biżżejjed wieħed jaqra l-poeżiji ta' Pablo Neruda u l-proża ta' Alexander Solzhenitsyn, żewġ kittieba li ġarrbu l-kefrija taċ-ċensura politika. Dan kollu frott in-nuqqas tar-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem.

In-nies iġġib ruħha skond il-ħtiġijiet tagħha. U hemm bżonn il-koperazzjoni bejniethom. Il-firda tista' tinfirex ukoll fost kulħadd. F'pajjiż żgħir bħal Malta dan eħfef li jiġri minħabba li hawn restrizzjoni ta' spazju. U tikber il-possibbiltà li jinqala' l-inkwiet, il-ġlied u t-tilwim. Il-klima ta' pajjiżna hija fattur ieħor li jżid dan is-saram bejn il-poplu emottiv Malti. In-nervi jitilgħu malajr u l-irjus jisħnu ... u tonqos it-tolleranza u jonqos ir-rispett.

Hija ħaġa pożittiva illi dak li jkun jagħmel ħiltu biex ikun altruwista. L-egoċentriżmu ta' xi wħud huwa kawża ta' ħafna firdiet fost il-poplu. Jekk wieħed joqgħod jirraġuna ftit, jagħraf illi dak li jista' jdejjaq lil ħaddieħor bih, għada pitgħada jista' jiġri lilu wkoll. U f'pajjiż "nisrani" bħal Malta suppost li eħfef għaċ-ċittadini biex jirrispettaw lil xulxin. Dan l-aħħar reġgħet faqqgħet fil-beraħ f'Malta l-firda li ilha s-snin tinħema fost il-poplu Malti. Il-firda hija politka-reliġjuża, li wara li dehret fil-miftuħ fis-snin sittin, reġgħet ħarġet fil-beraħ fit-tmeninjiet. Minkejja r-reliġjon u s-sens kbir ta' nazzjonaliżmu fihom, ħafna kienu dawk li nsew kollox u bagħdu lill-proxxmu tagħhom. Il-vjolenza ntużat ukoll għax il-folla u l-mases ma jiqfux biex jaħsbu u jirraġunaw.

Fejn tinħoloq il-firda fis-soċjetà jkun diffiċli illi jibqgħu jinstabu dawk l-individwi biex jieqfu jaħsbu u janalizzaw is-sitwazzjoni. B'xorti tajba kien hemm dawn l-individwi, għalkemm iżolati. B'daqshekk ma jfissirx illi n-nuqqasijiet miż-żewġ naħat igħibu darba għal dejjem, għax kieku naslu fl-Utopja. Wieħed irid jagħraf iġerragħ in-nuqqasijiet ta' ħaddieħor. Irid ukoll jagħraf id-difetti tiegħu stess u jqis id-drittijiet ta' l-oħrajn. Ir-rispett u t-tolleranza huma l-qofol għall-ftehim.

Meta l-firda tasal fl-estrem u tinfirex mal-pajjiż kollu, ikun ifisser illi fuq il-postijiet tax-xogħol se jkun hemm il-firda wkoll. U toktor il-firda b'detriment għall-produzzjoni, għall-iżvilupp u għall-progress. L-imħuħ magħluqa li jrewħu favur il-firda jkunu qegħdin jittradixxu lilhom infushom.

Fid dinja ħadd m'hu perfett u n-nuqqas ta' komunikabbiltà teżisti wkoll. Biss, b'daqsxejn riflessjoni u b'daqsxejn dedikazzjoni sinċiera l-firdiet jistgħu jinġiebu fix-xejn, jew għallanqas jittaffew. Dawk li għandhom tendenzi vjolenti huma l-egħdewwa tar-rikonċiljazzjoni. Jekk il-pajjiż isofri minħabba l-firda ma jirbaħ ħadd. Jitlef kulħadd ladarba kulħadd qed igħix f'pajjiż wieħed.

**JOSEPH VELLA**